MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005

Numru 20/1997

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Meinrad Calleja**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza moghtija fl-4 ta' April 2001 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza numru 20/97;

Semghet il-verdett tal-gurati li b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabu lill-imsemmi Mainrad Calleja hati skond l-ewwel kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza; b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabu lill-istess akkuzat hati wkoll skond it-tieni kap tal-imsemmi Att; b'sitt (6) voti favur u tlieta (3) kontra sabu lill-akkuzat hati skond it-tielet kap; u b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabu lill-imsemmi Meinrad Calleja hati skond ir-raba' kap tal-Att ta' Akkuza;

Tiddikjara lill-istess Meinrad Calleja hati talli assocja ruhu ma' persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (kokajina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza aktar 'il fuq imsemmi; tiddikjarah hati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina bi ksur tal-ligi, u dan skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah ukoll hati talli assocja ruhu ma' persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (kokajina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u dan skond it-tielet kap tal-Att ta' Akkuza; fl-ahhar nett tiddikjarah hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina bi ksur tal-ligi, u dan skond ir-raba' kap tal-Att ta' Akkuza;

Semghet lill-Avukat Dott. Emanuel Mallia ghall-hati u lid-Deputat Avukat Generali Dott. Silvio Camilleri ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-ammont u n-natura tad-droga involuta kif ukoll iz-zmien li l-hati ghamel that arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz;

Rat l-Artikoli 2, 9, 10(1), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d) tal-Kap. 101; ir-regoli 4(a) u 8 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939); u l-Artikoli 11, 17(h), 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Meinrad Calleja ghall-piena ta' hmistax-il sena (15) prigunerija, mil-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll tikkundannah multa ta' tletin elf lira (Lm30,000) konvertibbli f'sena prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat kif ukoll ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra tal-istess Meinrad Calleja; fl-ahharnett tikkundanna lill-istess Meinrad Calleja ihallas lir-Registratur l-ispejjez kollha peritali inkorsi f'dawn il-proceduri, u dan fi zmien xahar mid-data li fiha hu jigi notifikat bl-ammont ta' tali spejjez";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Meinrad Calleja pprezentat fil-25 ta' April 2001 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-verdett u s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena skond il-ligi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma dawn: li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti, li kien hemm irregolarita` matul il-kawza u li kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett. Ghall-ahjar istruzzjoni ta' din is-sentenza, il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li jigu trattati l-aggravji ta' l-appellant fl-istess ordni li nghataw fir-rikors ta' appell.

**A. Aggravju dwar Smigh Xieraq**

Din il-Qorti (il-Qorti ta' Appell Kriminali) mhijiex imsejha mill-appellant biex tiddetermina jekk kienx hemm o meno ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Lanqas ma huwa l-appellant iqajjem jew iqanqal xi "kwistjoni" li tirrikjedi xi referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Dak li qieghed jilmenta minnu l-appellant hu li l-

verdett tal-gurija ma jistax jitqies bhala wiehed *safe* u soddisfacenti in vista tal-*pre-trial prejudicial publicity* li nghata.

L-appellant jghid, *inter alia*, li sa mill-1 ta' Dicembru 1993 huwa kien il-mira ta' kampanja fil-gazzetti u fuq il-mezzi tax-xandir fejn gie akkuzat, processat u kkundannat mill-istess media u artikolisti *freelance* li kitbu kontra tieghu fl-istess gazzetti billi pingewh bhala l-persuna responsabbli mill-pakkett li kellha fil-basket ohtu Clarissa Cachia. Jghid li din il-kampanja kienet wahda sistematika u kontinwa, u minn meta sehh it-tentattiv ta' omicidju volontarju fuq il-hajja ta' Richard Cachia Caruana hraxet u hadet xejra politika. Anke wara l-verdett f'dan il-kaz, isostni l-appellant, il-gazzetti u l-mezzi tax-xandir ma waqfu xejn li jzebilhuh. Jirreferi ghad-decizjoni tal-Qorti Struttorja li ma tilqax it-talba tieghu ghal divjet fuq il-pubblikazzjoni tax-xiehda u ta' kitba jew kummenti dwar il-kaz in generali, ghar-rappurtar tad-digriet tal-Qorti Struttorja li permezz tieghu ddecidiet li kien hemm ragunijiet bizzejjed li jitqieghed taht att ta' akkuza (liema digriet jiddeskrivieh bhala wiehed iebes) u ghar-rappurtar li sar tac-cahdiet li jinghata l-helsien mill-arrest. Jirreferi ghall-fatt li meta gie pprezentat l-att ta' akkuza l-Qorti Kriminali *ex officio* ddecidiet li kienet ser tordna divjet generali fuq il-pubblikazzjoni, digriet li gie injorat diversi drabi tant li l-President tal-Qrati ta' Malta hass, *sua sponte*, li kellu jintervjeni pubblikament minhabba programm televiziv fejn l-appellant rega' tpogga taht il-lenti. Skond l-appellant, wara saret hsara ulterjuri minhabba fil-pubblicita` li nghatat lill-istqarrija tal-President tal-Qrati u l-korrispondenza voluminuza li nkitbet fil-gazzetti dwar dan il-fatt. Ghalhekk, jissottometti l-appellant, din il-pubblicita` sistematika pregudizzjali kien ser ikollha effett negattiv u potenzjalment pervers ghall-kors tal-gustizzja ghax huwa ferm difficli li f'dawn ic-cirkostanzi wiehed ikollu smigh xieraq minn gudikant popolari. Il-bwon sens jiddetta li l-hsara saret u s-sejbien ta' htija fih kienet *a foregone conclusion*. L-appellant jghid li l-kaz tieghu hu kaz klassiku ta' *pre-trial prejudicial publicity* li kien tant qawwi li nonostante li kien qed jigi gudikat minn Qorti mwaqqfa skond il-ligi, deher ovvju li hu ma setax kien qieghed jigi

gudikat minn Qorti indipendenti u imparzjali. Infatti huwa stenna li fl-indirizz taghha l-ewwel Qorti kellha taghmel enfasi qawwija dwar dan il-fatt izda minflok, jghid l-appellant, hija ttrattat dan il-punt b'leggerezza u b'referenza ghal diversi aspetti ohra bhal, dak li setghet il-gurija semghet fuq Joseph Fenech u fuq kulhadd iehor li seta' xehed quddiemhom, il-kwistjoni tal-*hearsay evidence*, u l-uzu infelici tal-kelma "protagonisti". L-appellant jghid li l-ewwel Qorti kellha tkun sensittiva ghar-realta` tas-sitwazzjoni. Skond l-appellant, dan il-kaz gie rez krucjali ghall-hajja politika Maltija. Jirreferi wkoll ghas-sitwazzjoni politika, skond hu, ferm spinuza li rrizultat wara l-ezitu tal-guri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ian Farrugia** fejn Joseph Fenech ukoll kien "protagonista" li kien qed jixhed in forza tal-Mahfra Presidenzjali, u ghal diversi gimghat wara l-verdett f'dak il-kaz, l-Oppozizzjoni kienet ghamlet attakk ahrax kontinwu kontra l-Gvern li rrenda b'dan il-mod il-kaz prezenti wiehed sahansitra aktar politikament sensittiv milli kien qabel bil-konsegwenza li liberazzjoni kienet twassal ghal sitwazzjoni politikament imbarazzanti. L-appellant jikkummenta wkoll fuq il-mod kif issir l-ghazla tal-gurija f'Malta minghajr ma jsir *vetting* bil-miftuh u trasparenti tal-membri prospettivi tal-gurija sabiex jigi determinat kif, meta u sa liema grad, tkun effettwatom din il-pubblicita` pregudizzjevoli.

Issa, l-iskop kollu tas-salvagwardji kollha ezistenti fil-process kriminali huwa proprju li, sa fejn hu possibbli, jigi eliminat kull pregudizzju li jista' jezisti kontra l-akkuzat f'mohh min ghandu jiggudikah. Dak li din il-Qorti ta' l-Appell hi tenuta li taghmel ghalhekk hu li tezamina jekk ittihdux dawk il-mizuri mehtiega biex jigi assigurat li ma saret l-ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. Fl-istess hin tajjeb li wiehed jirreferi ghal dak li jghidu l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom **Law of the European Convention on Human Rights** (Butterworths, 1995, pagna 216) dwar il-kwistjoni ta' *prejudicial publicity* tal-process kriminali jew tal-kaz kontra l-akkuzat stess:

**"Where a jury trial occurs in a criminal case, the guarantee of a 'fair trial' may be infringed by a**

**'virulent press campaign against the accused', which influences the jurors. However, the Commission has set several limits to the application of this principle which together help to explain why, despite the great publicity that sometimes attends trials, no case has been admitted on the merits on this basis. The test would appear to be a subjective one, requiring proof of a prejudicial effect upon a jury in fact, rather than just an indication that it is likely. Moreover, where a national appeal court does not consider that the trial has been unfair, the Commission is unlikely to find otherwise. It also has to be borne in mind that some press comment on a trial involving a matter of public interest must be expected. Moreover, the effect of prejudicial comment may be countered by the judge's direction to the jury to discount it. Finally, it may be that state involvement in the generation of the publicity is necessary for it to be responsible for any resulting prejudice."**

Huwa d-dmir tal-gurati fil-process kriminali li jiddeciedu fuq il-htija o meno tal-persuna li tkun quddiemhom fuq dak li jkun gie ppruvat fil-kors tal-guri biss. Din hija twissija li generalment il-Qorti Kriminali taghmel lill-gurati f'kull kaz. Inoltre kwalunkwe persuna normali li tkun giet maghzula bhala gurat tkun taf tiddistingwi bejn dak li setghet semghet qabel dwar il-kaz innifsu u dwar grajjiet ohra li jkunu sehhew fil-pajjiz, minn dak li jigi pruvat fil-kors tal-kawza, u tifforma l-opinjoni taghha unikament fuq il-provi li jitressqu fil-Qorti waqt il-guri.

F'dan il-kaz jirrizulta lil din il-Qorti li s-salvagwardji necessarji ttiehdu mill-ewwel Qorti. L-att ta' akkuza gie pprezentat mill-Avukat Generali fil-31 ta' Lulju 1997. Issa, huwa veru li jirrizulta li l-Qorti Struttorja ma kinitx ipprojbiet il-pubblikazzjoni fil-*media*, izda l-Qorti Kriminali, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 1997, iddecidiet, fl-interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, li "tipprojbixxi l-pubblikazzjoni sa ma l-kawza tispicca ta' kitba stampata jew le dwar ir-reat jew reati li fuqhom miexja din il-kawza jew dwar il-persuna tal-akkuzat". Din il-projbizzjoni tnehhiet biss meta beda l-guri u wara li gew maghzula l-

gurati, u dan fis-7 ta' Marzu 2001. U meta indirizzat lill-gurati ghall-ewwel darba wara l-formazzjoni tal-guri, l-ewwel Qorti kienet cara dwar dan il-punt. Hija qalet[1]:

"Intom sinjuri gurati tridu tiddeciedu biss fuq dak li jingieb bhala prova f'din il-Qorti, f'din l-awla hawn quddiemkom. Mela jekk accidentalmenmt smajtu jew tkunu tafu xi haga dwar xi kaz, naghmlu mod ghandna kaz hawnhekk ta' korruzzjoni ta' minorenni, u kumbinazzjoni ssir taf xi haga dwar dan il-kaz, forsi ghax kont qed tixtri ghand il-grocer u dak isemmi dak u smajt xi haga xi darba. Dak li stajt smajt u dak li stajt taf barra minn din l-Awla trid tikkancellah kompletament minn mohhok. Ghax intom tridu tiddeciedu biss u esklussivament fuq dawk il-provi li jingiebu hawnhekk fl-awla. U kif ghidtilkom tippruvawx taslu ghal konkluzjoni dwar htija o meno qabel ma tkunu smajtu l-provi kollha."

Fl-indirizz finali tieghu mbaghad l-Imhallef li ppresjeda l-guri <u>enfasizza diversi drabi li l-gurati kellhom jiddeciedu biss fuq il-provi li kienu ngabu waqt il-guri</u>. Dwar dak li setghu semghu qabel, proprju fil-bidu ta' l-indirizz insibu dan il-bran[2]:

"Premessa ohra hija li dak li stajtu smajtu, dak kollu li stajtu smajtu, dwar il-protagonisti - halli insejhilhom hekk Sinjuri Gurati - il-protagonisti f'dan il-kaz, barra minn din l-awla, nehhuh kompletament minn mohhkom, mhux biss fuq l-akkuzat, mhux biss fuq Joseph Fenech, imma anke fuq kull haddiehor li seta' hawn hekk xehed quddiemkom. Smajtu xi smajtu intom tridu timxu biss fuq dak li ngieb bhala prova hawnhekk quddiemkom, u fuq dak li jiena nghidilkom li hija prova ammissibbli. Ghax jekk ikun hemm xi prova li mhix ammissibbli, bhalma hija per ezempju *hearsay evidence*, x'inhi l-veracita` tal-kontenut fuq dak li jghid kliem haddiehor, ecc., ecc., dik ma tqisuhiex, izda tqisuha ghal certi affarijiet kif nispjegalkom aktar 'il quddiem. Intom importanti li dak li stajtu smajtu dwar il-protagonisti f'dan il-guri, tnehhuh kompletament minn mohhkom."

---

[1] Registrazzjoni tat-tape 1 side A.
[2] Ara pagni 2 u 3 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.

Frankament din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura bil-mod kif l-Imhallef li ppresjeda l-guri indirizza lill-gurati f'dan il-bran. Aktar 'il quddiem fl-indirizz l-istess Imhallef jerga' jaghmel dan l-avvertiment[3]:

"Importanti li zzommu f'mohhkom Sinjuri Gurati li dak li jinghad quddiemkom biss hawnhekk fl-awla, li gja` accennajtilkom qabel, smajtu xi smajtu dwar dan il-kaz, jekk smajtu, qabel ma gejtu *impannelled* ma jezistix ghalikom, tridu toqoghdu biss u esklussivament fuq il-provi li ngiebu hawn quddiemkom. F'dan il-kaz ghandna kemm provi tal-prosekuzzjoni u kemm provi tad-difiza. L-espressjoni bil-latin li spiss tintuza - din id-darba ma smajthiex - semma', accenna ghal espressjoni ohra Dr. Mallia pero` ma qalielkomx bil-latin qalielkom bil-malti - pero` hemm espressjoni bil-latin li tghid *quod non est in actis non est in mundo*. Dak li mhux qieghed fl-atti ta' din il-kawza ma jezistix fid-dinja ghalikom, sewwa, u huwa importanti li dan tiftakruh Sinjuri Gurati."

Zgur li l-appellant ma jistax jilmenta li l-ewwel Qorti ma kinitx cara jew ma enfasizzatx bizzejjed l-importanza li jeskludu ghal kollox dak li setghu semghu qabel il-guri dwar dan il-kaz.

Ta' min jghid ukoll illi nonostante l-biza' jew preokkupazzjoni li kellu l-appellant li ma setax ikollu smiegh xieraq minn "gudikanti popolari", xorta ma uzufruwiex ruhu mill-possibilita` li jigi gudikat minn gudikant togat skond is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 436 tal-Kap. 9. Din id-disposizzjoni tal-ligi tipprovdi hekk:

**"Minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici u bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli li gejjin ta' dan l-artikolu, l-akkuzat jista', mhux iktar tard minn ghaxart ijiem wara d-data tan-notifika ta' l-avviz imsemmi fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 438 jew ta' l-ordni msemmi fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 620, jipprezenta nota fir-registru tal-qorti li biha jaghzel li**

[3] Ara pagna 21 *ibid*.

**guri ma jigix maghzul ghall-kawza jew ghad-decizjoni dwar kull kwistjoni kollaterali taht it-Titolu VII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodici, u kopja ufficjali ta' dik in-nota ghandha tigi notifikata lill-Avukat Generali:**

**Izda dan is-subartikolu ma japplikax ghall-kawza dwar ir-reat meta t-talba fl-att ta' l-akkuza tkun ghal piena ta' prigunerija ghall-ghomor."**

Fl-att ta' akkuza ma saret talba ghal piena ta' prigunerija ghall-ghomor fl-ebda wiehed mill-kapi ta' l-att ta' akkuza. U dak li hemm fis-subartikolu (7) ta' l-imsemmi artikolu 436 dwar l-oggezzjoni ta' l-akkuzat skond il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 370 tal-Kap. 9 mhuwiex lanqas applikabbli ghall-kaz in dizamina. L-appellant, pero`, xorta ghazel li jigi gudikat minn "gudikanti popolari".

Kwantu ghall-process ta' formazzjoni tal-guri, huwa minnu li taht is-sistema taghna ma tezistix is-sistema ta' selezzjoni bhalma jsehh taht, nghidu ahna, dik Amerikana. Izda l-artikolu 611 tal-Kap. 9 jaghti l-fakolta` lill-Avukat Generali u lill-akkuzat li jirrikuzaw tliet gurati kull wiehed b'mod perentorju (bla ma tinghata raguni) u numru mhux limitat li dwarhom trid tinghata raguni li l-Qorti tqis tajba. Hija sistema li ilha tiffunzjona ghal snin twal u kienet *in vigore* anke meta sar il-guri l-iehor kontra l-istess appellant dwar tentattiv ta' qtil u li fih ma nstabx hati ta' l-akkuza/i hemm dedotti kontra tieghu.

Thares fejn thares jibqa' l-fatt li l-uniku mod kif wiehed seta', b'mod prattiku izda ragjonevoli, jigi assigurat sa fejn hu umanament possibbli smigh xieraq fic-cirkostanzi riferiti mill-appellant kien proprju li jigu applikati dawk il-mizuri procedurali kollha tal-process penali intizi proprju biex jassiguraw li l-gurati jiddeciedu, u jiddeciedu biss, fuq dak li jkunu semghu u raw fil-kors tal-guri u fuq xejn aktar. Fil-kaz *de quo* ma hemmx l-icken indikazzjoni li mhux hekk gara. Kull ma jista' jkollu l-appellant huwa semplici suspett li seta' ma kienx hemm smigh xieraq - suspett li din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti, tqisu bhala wiehed mhux fondat.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.

**B Interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi/Irregolarita` matul il-kawza li seta' kellha influwenza fuq il-verdett**

(1) L-ewwel aggravju ta' l-appellant hawn huwa fis-sens illi l-indirizz ma kienx jaghti stampa bilancjata (*did not strike a fair balance*) bejn il-kaz tal-prosekuzzjoni u l-kaz tad-difiza. Jghid li l-indirizz ma tax *a fair and balanced picture* tal-kaz lill-gurija. Fir-rikors ta' appell tieghu jelenka numru ta' ezempji li skond hu juru dan in-nuqqas ta' bilanc, ezempji li jghid li m'ghandhomx jittiehdu biss individwalment izda ghandu jittiehed l-effett taghhom fl-assjem taghhom.

Il-guri f'dan il-kaz dam kwazi xahar - mis-7 ta' Marzu 2001 sa l-4 ta' April 2001. Bhalma qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2003**, para. 7-53 p. 936):

**"Probably no summing up, and certainly none that attempts to deal with the incidents as to which the evidence has extended over a period of twenty days, would fail to be open to some objection….Every summing-up must be regarded in the light of the conduct of the trial and the questions which have been raised by the counsel for the prosecution and for the defence respectively. This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice".**

Fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra. Huwa utili jigi riportat hawn dak li qal Lord Hailsham, L.C. f'*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (**Archbold**, *op. cit.*, para. 4-368, p. 460):

**"It has been said before but obviously requires to be said again. The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case. The search for universally applicable definitions is often productive of more obscurity than light. A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case. Of course it must include references to the burden of proof and the respective roles of jury and judge. But it should also include a**

**succinct but accurate summary of the issues of fact as to which a decision is required, a correct but concise summary of the evidence and arguments on both sides and a correct statement of the inferences which the jury are entitled to draw from their particular conclusions about the primary facts."**

Kif intqal, kull indirizz irid ikun bilancjat, u l-kaz tad-difiza ghandu jigi pprezentat b'mod adegwat. Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid:

**"Whatever mode of summing-up the judge employs he must ensure that the defence is outlined fairly. How this is done is governed by open-ended rules. The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given…' (per Goddard LCJ, *Clayton-Wright* (1948) 33 Cr App R 22 p. 29). As the New Zealand Court of Appeal stressed in *R. v. Ryan* (per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): *'Each case obviously must be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to any important features of the case which militate against those inferences'.***

**The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial,**

**must be put to the jury…The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence…" (pp. 178-180).**

U f'**Blackstone's Criminal Practice 2001,** para. D15.16, p.1448, naqraw:

**"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131)."**

Tajjeb ukoll li ssir referenza ghal dak li qal Simon Brown, L.J. f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**, p. 464 para. 4-376, u li mieghu din il-Qorti taqbel perfettament:

**"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial.**

**But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."**

Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta' indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, <u>l-indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu</u> sabiex jigi determinat jekk setax sehh xi *"miscarriage of justice"*. Din il-Qorti ezaminat l-indirizz kollu ta' l-Imhallef sedenti fl-ewwel Qorti u sejra tikkunsidra d-diversi lmenti migjuba mill-appellant fl-ordni li jinsabu fir-rikors ta' appell u <u>fid-dawl tal-brani mill-awturi hawn fuq citati</u>:

1. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet enfasi zejda u ripetuta meta giet biex tittratta l-oneru u grad ta' prova li trid tirraggungi d-difiza meta taghzel li tipprova xi haga. Jghid li l-enfasi u ripetizzjoni tal-grad ta' prova li trid tilhaq id-difiza bhala dak tal-probabbli u mhux tal-possibbli, joholqu inferenza illi d-difiza ma kinitx qed tasal sal-grad tal-prova rikjest minnha. Isostni li, fl-isfond ta' dak li spjegat il-Qorti li "kollox possibbli taht il-kappa tax-xemx" u ta' fatturi ohra, ix-xiehda tieghu fil-guri giet inferita bhala wahda fl-ambitu tal-possibbli u mhux f'tal-probbabli. Jghid li ghalkemm fl-istess kuntest l-ewwel Qorti kienet qed taghmel ukoll enfasi fuq il-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, f'mument minnhom l-ewwel Qorti qalet li kienet ser tuza l-kelma "soddisfatti" minflok il-kliem

"certezza morali" b'mod li l-gurati kellhom jiftakru li kull darba li tintuza l-kelma "soddisfatti", dan kien ifisser "prova minghajr dubbju dettat mir-raguni". Skond l-appellant, dan il-punt, mehud fil-kwadru tar-ripetizzjoni tal-kuncett tal-possibbli fil-konfront tad-difiza, johloq zbilanc bejn kif il-gurati kienet qieghda tigi stradata biex thares lejn iz-zewg tipi ta' gradi ta' prova.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-ilment huwa fieragh. Minbarra li l-ewwel Qorti, lejn il-bidu ta' l-indirizz taghha, spjegat il-gradi differenti ta' prova - il-possibbli, il-probabbli, il-konvinciment morali u c-certezza assoluta - u spjegathom b'mod legalment korrett, kull meta fakkret lill-gurati dwar il-grad ta' prova li trid tilhaq id-difiza, fakkrithom ukoll fil-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, u b'hekk zgur qaghdet attenta li zzomm bilanc bejn iz-zewg nahat. Kwantu ghall-uzu tal-kelma "soddisfatti", huwa minnu li meta l-ewwel Qorti kienet qed tispjega s-sinjifikat tal-provi indizjarji, qalet hekk[4]:

"L-importanti hu li l-gudikant tal-fatt - intom jigifieri - ikun soddisfatt, ossija moralment konvint - issa minn issa 'il quddiem meta nghidilkom soddisfatt, tridu tkunu soddisfatti minn xi haga, tfisser jigifieri moralment konvint - sewwa - gudikant tal-fatt ikun moralment konvint, soddisfatt, mill-htija ta' l-akkuzat a bazi ta' dik il-prova indizjarja."

L-inferenza li qieghed jaghmel l-appellant hija inferenza mgebbda ghall-ahhar. Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dak li qalet l-ewwel Qorti. Id-direttiva li l-ewwel Qorti tat lill-gurati, li hija irripetiet darbtejn ohra[5], kienet biss ta' natura semantika u xejn aktar. Barra minn hekk, ghalkemm f'xi okkazjonijiet hija uzat il-kelma "soddisfatti"[6], hija xorta baqghet tuza wkoll l-espressjoni "konvinciment morali"[7]. B'hekk dan l-ewwel ilment huwa respint.

---

4 Ara pagna 19 *ibid.*
5 Ara pagni 52 u 53 *ibid.*
6 Ara pagni 20, 53, 56, 58, 59, 60 *ibid.*
7 Ara pagni 20, 29, 30, 31, 32, 55, 66 *ibid.*

2. L-appellant jilmenta wkoll illi meta l-ewwel Qorti semmiet id-dritt fundamentali tal-prezunzjoni ta' l-innocenza ghall-ewwel darba, dan semmietu *out of context*, u ma tatux l-importanza meritata. Skond l-appellant, ghall-ewwel Qorti kien aktar importanti li tghid lill-gurati li ma kienx il-kompitu taghhom li jiggudikaw lil haddiehor.

Dan l-ilment huwa infondat. Effettivament l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta l-importanza mehtiega lil dan id-dritt ta' l-appellant. Meta indirizza lill-gurati ghall-ewwel darba hekk kif kienet ghadha kemm giet iffurmata l-gurija, l-Imhallef li ppresjeda l-guri semma numru ta' regoli kardinali u proprju l-ewwel regola kienet dik tal-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat. Hemm huwa qal[8]:

"Kull akkuzat li jigi akkuzat f'Qorti f'Malta sija din il-Qorti sija quddiem il-Qorti tal-Magistrati, kull akkuzat hu prezunt innocenti. Jigifieri l-ligi tibda bil-presuppost, bil-prezunzjoni li hu innocenti u jibqa' hekk innocenti sakemm min ghandu jiggudika dwar il-fatti - li fil-kaz ta' guri huwa intom - tiddeciedu bil-kontra, li hu hati. Mela dik hija l-prezunzjoni ta' l-innocenza. Akkuzat jidhol hawnhekk fil-Qorti, hi x'inhi l-akkuza - tista' tkun l-aktar akkuza serja u l-aktar akkuza banali - jidhol prezunt innocenti u jibqa' prezunt innocenti sakemm min ghandu jiggudika dwar il-htija tieghu jghid li mhuwiex innocenti imma li huwa hati. Dik hija regola importanti. Ladarba l-akkuzat hu prezunt innocenti x'ifisser? Ifisser li l-piz tal-prova, l-obbligu li jipprova l-kaz kontra akkuzat, hu min hu l-akkuzat, jaqa' fuq il-prosekuzzjoni. Hija l-prosekuzzjoni ghan-nom tar-Repubblika ta' Malta, ta' l-Istat, li trid tipprova ghas-soddisfazzjon taghkom il-htija ta' l-akkuzat. Mhux l-akkuzat irid jipprova l-innocenza tieghu ghax hu prezunt innocenti mil-ligi. Hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tal-akkuzat. Trid tissoddisfakom, trid tikkonvincikom kif nghidu moralment dwar il-htija tal-akkuzat…."

Fl-indirizz finali mbaghad, l-ewwel darba li jirreferi ghall-prezunzjoni ta' l-innocenza fil-fatt huwa meta kien qieghed

---

8 Registrazzjoni tat-tape 1 side A.

jaghmel xi premessi li wahda minnhom kienet precizament dwar din il-prezunzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa rrilevanti jekk semmihiex qabel jew wara l-premessa dwar il-fatt li l-gurati kienu sejrin jigu ezentati milli jservu ta' gurati ghal erba' snin -premessa li ukoll kellha l-importanza taghha peress illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri nfurmahom dwar l-ezenzjoni "ikun x'ikun il-verdett" taghhom, u tali dikjarazzjoni setghet biss tghin lill-gurati psikologikament sabiex ikomplu jhossuhom liberi f'kull decizjoni li setghu jaslu ghaliha. Meta l-ewwel Qorti semmiet il-prezunzjoni ta' l-innocenza l-ewwel darba fl-indirizz hija qalet hekk[9]:

"Premessa ohra importanti hija din sinjuri gurati, il-kompitu taghkom huwa li tiddeciedu mhux jekk l-akkuzat hux innocenti, ghax il-ligi diga` tipprezumieh li huwa innocenti, izda jekk l-akkuzat hux hati. Mhux il-kompitu taghkom li tiggudikaw lil haddiehor ghal dak li seta' ghamel jew ma ghamilx. Haddiehor ghaliex? Ghax dak il-haddiehor ma ghandu ebda mod kif jiddefendi lilu nnifsu meta jkun hawnhekk bhala xhud. Ix-xhud ma jkunx assistit mill-avukat. Rajtuhom id-diversi xhieda. Hadd minnhom ma jtella' lill-avukat hdejh. Mela intom il-kompitu taghkom mhux li tiggudikaw lil xi haddiehor ta' x'seta' ghamel jew x'ma setax ghamel - tiggudikaw biss lil haddiehor, iva, b'sens li taraw x'taccettaw minn dak li jghid, jew x'ma taccettawx, f'dak is-sens iva taghmlu dak il-gudizzju. Pero` sa hemmhekk jasal il-gudizzju taghkom fuq haddiehor, x'taccetta jew x'ma taccettax minn dak li qed jghid; huwa minn huwa, kull persuna li hadet il-pedana tax-xhieda, li ma huwiex l-akkuzat ovvjament. Imma anke ghall-akkuzat eventwalment tapplika din ir-regola, li tara x'taccetta jew x'ma taccettax minn dak li qal. Pero` hawnhekk qed nghidilkom semplicement li intom qeghdin hawn biex tiggudikaw lill-akkuzat u mhux lil xi haddiehor.

Lanqas qeghdin hawnhekk intom, sinjuri gurati, biex tiggudikaw, per ezempju, lill-Pulizija, lill-Avukat generali, jekk dawn ghamlux xoghlhom sewwa jew le fil-konfront ta' l-akkuzat jew fil-konfront ta' haddiehor. Intom tridu timxu

[9] Ara pagna 3 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.

fuq il-provi li ngabu, mhux fuq il-provi li ma ngabux - din hija importanti, sinjuri gurati, intom timxu fuq il-provi li ngabu mhux fuq il-provi li ma ngabux. Ghalhekk intom ma intomx hawnhekk qeghdin biex tghaddu gudizzju jekk il-Pulizija kinux kompetenti f'dak il-kaz, ghamlux froga fil-kaz. Xejn affattu. Intom qeghdin hawnhekk - iggibilkom il-provi l-prosekuzzjoni, li hawnhekk fil-Qorti Kriminali tkun immexxija mill-Avukat Generali jew minn rapprezentant tieghu, u taraw biss, intom imsejhin biex tiddeciedu jekk l-akkuzat huwiex hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Tinsewx, mhux jekk l-akkuzat hux innocenti, ghax huwa prezunt diga`, kif nispjegalkom minn hawn u ftit iehor, li huwa innocenti, sewwa" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-fatt meta l-ewwel Qorti kienet qieghda tispjega din il-prezunzjoni, hija qalet hekk[10]:

"Mela stabilit il-linja ta' demarkazzjoni bejn il-funzjoni taghkom u l-funzjoni tieghi, halli naraw issa principju iehor kardinali, f'kull guri, dan huwa l-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza ta' l-akkuzat. L-akkuzat jidhol f'din l-awla minghajr ebda dell ta' htija, u jibqa' minghajr ebda dell ta' htija sakemm intom taslu tghidu li huwa ati ta' xi haga. L-akkuzat hu prezunt innocenti, u dan ifisser li l-akkuzat ma huwa obbligat jipprova xejn. Jista' jekk irid jaghzel li jipprova, pero` mhux obblihat li jipprova. Jista' jekk irid anqas ikollu avukat jassistieh, ghalkemm nassikuarkom li f'kull kaz, il-Qorti kwazi kwazi timponilu - din il-Qorti ghall-inqas - kull akkuzat li jidher f'din il-Qorti timponilu avukat biex jassistieh.

X'ifisser li akkuzat huwa prezunt innocenti? Ifisser li l-piz tal-prova, dak li nghidlu l-oneru, the burden of proof, l-oneru, il-piz tal-prova, jibqa' mill-bidu sa l-ahhar tal-guri fuq il-prosekuzzjoni. Hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha ta' kull reat fil-konfront ta' l-akkuzat. Innotaw mhux tipprova biss kull reat imma l-elementi kollha ta' kull reat fil-konfront ta' l-akkuzat. Hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova dan kollu, l-akkuzat ma huwa obbligat li jipprova xejn. Jista', jekk irid, jaghzel li jipprova -

10 Ara pagna 8 *ibid.*

imbaghad naraw jekk jaghzel li jipprova kif ghandu jipprova, sa liema grad ghandu jasal fil-prova tieghu, ec., ecc. - pero` mhux obbligat li jipprova, jista' jibqa' mutu mill-bidu  sa l-ahhar u jhalli lill-prosekutur jipprova l-kaz fil-konfront tieghu …. Mela allura l-prezunzjoni ta' l-innocenza tfisser li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-akkuzi, kull akkuza, fl-elementi kollha taga fil-konfront ta' l-akkuzat."

Altru mela milli l-ewwel Qorti m'ghamlitx l-enfasi misthoqqa lill-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat.

Ghalhekk dan it-tieni lment ukoll huwa respint.

3. L-appellant jilmenta wkoll mill-ewwel parti ta' l-indirizz fejn l-Imhallef li ppresjeda l-guri kkummenta li l-gurati kienu semghu hafna dwar serenita` tul il-guri "u fl-istess nifs li wiehed jitkellimlek dwar serenita`, jibda jghajjat kemm jiflah fuq il-microphone"; u li kemm il-prosekutur kif ukoll id-difensur jincensaw lil xulxin u fl-istess hin jitfghu t-torpedoes minn taht. Skond l-appellant, diskors bhal dan igib fix-xejn mhux biss ir-rispett li l-gurati setghu bnew lejn l-avukati tal-partijiet, imma wkoll irendi trivjali r-rwol u l-funzjoni tal-partijiet.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa dan l-ilment li huwa trivjali, anzi frivolu. Dak li qalet l-ewwel Qorti ma seta' bl-ebda mod inaqqas mir-rispett tal-gurati lejn l-avukati tal-partijiet. Wara kollox dak li qalet l-ewwel Qorti kien jirrifletti xi incidenti li sehhew matul il-guri - incidenti li bhalhom jirrikorru f'bosta gurijiet. Fil-kaz in ezami bizzejjed issir referenza ghall-verbal tat-8 ta' Marzu 2001 mnejn jirrizulta li l-prosekutur u d-difensur gew ikkundannati ghal disprezz *in faciem curiae* ghax "gabu ruhhom b'ghajjat inkontrollabbli". F'dan il-kuntest u fil-kuntest ta' l-indirizz fl-assjem tieghu, din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-kummenti setghu minimament naqqsu mill-importanza tar-rwol tal-partijiet. Il-kuntest ta' dak li qalet l-ewwel Qorti kien unikament is-sinjifikat tal-kelma "serenita`", ta' kif proceduri jistghu jsiru b'mod seren. It-tielet ilment hu konsegwentement michud.

4. L-appellant jilmenta wkoll: li l-ewwel Qorti uzat il-frazi "oqoghdu attenti" meta l-gurati jigu ghall-provi tad-difiza u li bl-uzu tal-kelma "tiskossa" (il-kaz tal-prosekuzzjoni) donnu kienet qed tfiehem li hemm *a double hurdle* (ilment numru 4); li mminat l-argomentazzjoni tad-difiza u rrendietha suspettuza u li ma twassalx ghall-konvinciment sal-grad tal-probabbli (ilment numru 5); li meta l-ewwel Qorti widdbet li l-argomentazzjoni tal-partijiet ma kienx jikkostitwixxi prova kienet qed tinferixxi nuqqas ta' affidament fil-funzjoni tal-partijiet (ilment numru 6).

Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn l-ilmenti huma kollha infondati. L-ewwel Qorti uzat il-frazi "oqoghdu attenti" f'okkazjonijiet differenti: per ezempju meta kienet qed tispjega l-provi indizjarji[11], meta kienet qed titkellem dwar il-kriterji li ssemmi l-ligi biex issir il-valutazzjoni tax-xhieda[12], ecc. Kwantu ghall-ilmenti l-ohra l-ewwel Qorti kienet korretta f'dak li qalet u ma taqbilx ma' l-appellant dwar l-inferenzi li huwa gibed. Barra minn hekk, bhalma ntqal fil-bran ga` citat f'*R. v. Stoddart*[13]: *"This court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or wether a direction which has been attacked might have beeen fuller or more conveniently expressed"*. B'hekk anke dan l-ilment huwa respint.

5. L-appellant jilmenta li fir-rigward tat-tixbiha tal-*jigsaw puzzle* li semmiet il-prosekuzzjoni, l-ewwel Qorti tat importanza lit-tezi tal-prosekuzzjoni a skapitu ta' dak li ssottomettiet id-difiza li f'dan il-kaz it-tixbiha ma kinitx wahda felici peress illi f'dan il-kaz il-gurati riedu jezaminaw sew il-bicciet kollha li kienu ser ipoggu fuq il-*board* u joqoghdu attenti li ma jkunux impressjonati mill-istampa li tkun diga` tidher fuq il-kaxxa tal-loghba - l-istampa mahluqa bil-*pre-trial prejudicial publicity*.

Dwar it-tixbiha msemmija l-ewwel Qorti rreferiet ghaliha fil-kuntest ta' dak li kienet qed tghid li l-gurati kellhom

---

[11] Ara pagna 18 *ibid.*
[12] Ara pagni 23 u 24 *ibid.*
[13] **Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**, para. 7-53, p. 936.

jezaminaw il-provi kollha fl-assjem taghhom. Hija fil-fatt qalet hekk[14]:

"Issa, kif ghidtilkom, biex tara jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, jigifieri sal-grad tal-konvinciment morali, kif ukoll biex tara jekk id-difiza ppruvatx xi haga sal-grad ta' probbabbli, trid tezamina l-provi kollha, fl-assjem taghhom, u bil-bwon sens naturalment - mhux bizzejjed li taqbad prova wahda, in isolation, jew prova ohra in isolation, trid tarahom il-provi fl-assjem taghhom. Ghax hafna drabi prova wahedha tista' ma twasslek imkien - prova - dik l-istess prova pero` meta taraha fid-dawl ta' provi ohra, tista' twasslek - issa fejn twasslek jekk twasslek sal-grad tal-probabbli, sal-grad tal-konvinciment morali, dik hija kwistjoni taghkom - pero` l-importanti hu li tridu tiftakru li l-provi tezaminawom fl-assjem taghhom, fit-totalita` taghhom - ovvjament dak li jidhrilkom rilevanti - mhux dak li huwa mhux rilevanti, dak li hu - dak taraw intom, li hu rilevanti, x'inhuwa l-aktar importanti, x'mhux l-aktar importanti, pero` tridu tezaminaw il-provi fl-assjem taghhom. U nghatatilkom mill-prosekuzzjoni din it-tixbiha tal-istampa, tal-muzajk jew jigsaw puzzle - effettivament dak huwa ezempju li spiss jintuza iva f'din il-Qorti biex wiehed jara effettivament x'gara u x'ma garax - jekk inti mill-assjem tal-provi tista', mhux minn prova wahda, in isolation, imma meta tpoggi l-provi flimkien ikollok stampa cara, li inti tista' tghid iva hekk gara u mhux mod iehor, allura inti tkun moralment konvint minn dak li qed tghid il-prosekuzzjoni. Jekk meta tezamina l-provi fl-assjem taghhom, u anke wara li tkun qist ukoll il-provi tad-difiza, tibqa' ma tistax tghid iva hekk gara, allura f'dak il-kaz inti l-istampa mhux cara, u ma tistax tasal biex taghti verdett ta' htija."

Huwa evidenti minn dan il-bran li l-ewwel Qorti kienet korrettissima f'dak li qalet. Il-kwistjoni tal-*pre-trial prejudicial publicity* hi rrilevanti ghal kollox peress illi l-ewwel Qorti kienet diga` f'dan l-istadju ndirizzat lill-gurati fis-sens li kellhom jinsew dak kollu li setghu semghu qabel

[14] Ara pagna 15 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.

il-guri u li kellhom jiddeciedu biss a bazi tal-provi prodotti waqt il-guri. B'hekk dan l-ilment huwa michud ukoll.

6. Permezz tat-tmien ilment tieghu l-appellant jallega li l-ewwel Qorti ma poggietx quddiem il-gurija zewg linji difensjonali kardinali. Jghid li meta l-ewwel Qorti giet biex tfiehem lill-gurati x'ghandhom jifhmu bil-kliem "jekk ix-xiehda tieghu ghandhiex mis-sewwa" fil-kuntest ta' l-artikolu 637 tal-Kap. 9, hija kkwotat "zewg ezempji … kemm minn ta' Joseph Fenech u kemm minn ta' l-akkuzat". L-appellant jghid li l-ezempju li l-ewwel Qorti dehrilha li ghandha taghti "minn ta' l-akkuzat" inzerta l-pern li fuqu huma mibnija l-linji difensjonali tieghu kwantu ghall-ewwel, it-tieni u r-raba' kapi ta' l-att ta' akkuza. Ikompli jghid l-appellant li l-prosekuzzjoni argumentat illi x-xiehda ta' l-appellant ma kinitx verosimili peress illi, skond hi, Joseph Fenech ma kienx ser ihalli l-baskett tal-plastik bil-pakkett tad-droga fil-karrozza ta' l-appellant biex imur ghalih wara. L-appellant ifisser kif id-difiza rribadiet dan l-argument u qalet li l-fatt li normalment wiehed jista' ma jistenniex li xi hadd ihalli haga ta' valur ghand haddiehor, ma jfissirx illi dak li xehed l-appellant ma kienx minnu; kien importanti ghalhekk li wiehed juri c-cirkostanzi kollha ta' kif thalla l-baskett imsemmi u li jinghad li Joseph Fenech kien mar id-dar ta' l-appellant ghalih. Bl-ezempji li gabet l-ewwel Qorti, isostni l-appellant, ma kienx hemm *a fair and balanced picture*. Bin-nuqqas taghha li ssemmi l-argomentazzjoni tad-difiza, holqot inferenza qawwija lill-gurati li ghandhom jistriehu fuq dak li ddepona Joseph Fenech u jiskartaw dak li xehed l-appellant. Il-linja difensjonali l-ohra li l-appellant jghid li ma tpoggietx quddiem il-gurati kienet il-kwistjoni ta' l-inverosimiljanza ommeno ta' dak sottomess mill-prosekuzzjoni u mix-xhud taghha, il-Kummissarju tal-Pulizija, dwar it-*tape* ta' l-allegati telefonati. Jghid li l-ewwel Qorti ma saqsietx, *to strike a fair balance*, jekk hux hekk jigri s-soltu, li Kummissarju tal-Pulizija jkollu f'idejh tali *tape* u ma jipproduciehx bhala evidenza fil-kaz ta' Fenech.

L-Imhallef li jippresjedi l-guri mhuwiex obbligat li jikkummenta fuq kull argument maghmul mill-partijiet u mhuwiex obbligat li jfakkar lill-gurati dwar il-provi kollha li

tressqu. Fi kwalunkwe kaz f'partijiet ohra ta' l-indirizz saret referenza kemm ghal dak li kien qed isostni l-appellant li Joseph Fenech kien mar id-dar tieghu ghall-baskett[15], kif ukoll ghal jekk il-gurati ghandhomx jaccettaw dak li qal il-Kummissarju tal-Pulizija li t-*tape* kien inghatalu fit-30 ta' Novembru 1993. Ghalhekk, u fid-dawl anke tal-brani sucitati mix-xoghlijiet ta' **Archbold**, ta' **Blackstone** u ta' **Pattenden**, dan l-ilment huwa michud.

7. L-appellant jilmenta wkoll mill-paragun li ghamlet l-ewwel Qorti bejn ix-xiehda ta' Joseph Fenech (xhud tal-prosekuzzjoni) u dik ta' Ray Debono (xhud ingunt mill-prosekuzzjoni fl-iStruttorja izda li waqt il-guri gie ngunt mid-difiza) fil-kwadru tas-sinifikat ta' "konsistenza" fl-artikolu 637 tal-Kap. 9. L-appellant jghid li filwaqt li Ray Debono spjega lill-prosekutur waqt il-kontro-ezami li fis-sustanza kien qal l-istess meta xehed quddiem il-Magistrat ta' l-Istruttorja, Joseph Fenech gideb.

F'dan il-kuntest, dak li qalet l-ewwel Qorti kien testwalment dan li gej[16]:

"Issa, meta nghidu konsistenza, ma jfissirx jigifieri li wiehed jirrepeti dak li jkun [qal] kelma b'kelma. Ghax jekk inti lil xi hadd, lil xi xhud, tistaqsieh l-istess mistoqsija darbtejn, tliet darbiet, erba' darbiet, dan ha jwiegbek. Pero` jista' jwiegbek u jgidlek l-istess haga billi juza pero` kliem differenti, jew billi jaghti aktar enfasi lil haga f'hin minnhom, u inqas enfasi lil haga ohra. Araw intom meta nitkellmu dwar konsistenza jekk xi hadd jghid haga mbaghad wara jghid haga ohra intom tridu taghmlu dan l-ezercizzju. Tghidu isma' hawn hekk pero` fis-sustanza, fir-realta` qed jghid l-istess haga jew inkella hawnhekk qed ibiddel b'tali mod, minn abjad qed jghid iswed …. Araw jekk dik li giet proposta lilkom sia mill-prosekuzzjoni, per ezempju fir-rigward ta' Ray Debono, sia mid-difiza fir-rigward ta' Joseph Fenech, sia rigward - dawk it-tnejn, halli niehdu dawk it-tnejn per ezempju - araw dak li gie propost lilkom miz-zewg partijiet bhala li huma inkonsistenzi fix-xiehda humiex inkonsistenzi apparenti,

[15] Ara pagna 63 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
[16] Ara pagni 26 u 27 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.

jew inkella inkonsistenzi reali; verament huma inkonsistenzi, jew inkella ma humiex inkonsistenzi imma huma modo di esprimersi, mod kif wiehed jesprimi ruhu li forsi jkunu xi ftit differenti."

Minn dan huwa evidenti li l-ewwel Qorti kienet qed tirreferi ghal sottomissjonijiet li saru rispettivament mill-partijiet dwar allegati inkonsistenzi fix-xiehda taz-zewg xhieda msemmija. Din il-Qorti hawn ukoll ma ssib xejn x'ticcensura fil-mod kif l-ewwel Qorti ndirizzat lill-gurati. Fil-fatt l-ewwel Qorti halliet f'idejn il-gurati biex jikkunsidraw dawn l-hekk imsejha inkonsistenzi bhala parti mill-evalwazzjoni li kellhom jaghmlu tal-provi prodotti.

8. Fl-ghaxar ilment tieghu l-appellant jirreferi ghal meta l-ewwel Qorti giet biex tispjega l-kliem "kondotta u karattru tax-xhud" u rreferiet ghal min "jitkellem rozz" u min "jitkellem irpuzat u pulit". L-appellant jghid li ghall-gurati dan ma seta' jkollu l-ebda sinjifikat iehor hlief li l-bniedem li jitkellem rozz kien Joseph Fenech filwaqt li l-bniedem li jitkellem irpuzat u pulit kien l-appellant. Skond l-appellant, il-prosekuzzjoni kienet diga` widdbet lill-gurati biex ma jhallux lill-appellant jidhaq bihom minhabba l-*background* socjali u edukattiv tieghu; ghalhekk meta l-ewwel Qorti qalet li bniedem *"ordnat u pulit … jista' jkun li min qieghed ordnat u qieghed jitkellem b'mod ordnat, ecc. ecc., jista' jkun xorta mhux qed jghidilkom il-verita` - imma qed jahbilkom xi haga, jew qed jipprova jghid xi haga, jew inaqqas xi haga, jew izid xi haga"*, Joseph Fenech kien qieghed jigi mpingi li jekk hu inkonsistenti dan hu wkoll ghax jitkellem rozz minhabba xi *background* socjali differenti.

Apparti li l-appellant ma ccitax il-bran relevanti ta' l-indirizz korrettement (l-ewwel Qorti ma qalitx *"ordnat u pulit"* izda *"irpuzat u pulit"*), il-parti citata mill-appellant trid tittiehed fil-kuntest kollu ta' dak li kienet qed tghid l-ewwel Qorti. Il-bran kollu rilevanti huwa dan[17]:

[17] Ara pagni 24 u 25 *ibid*.

"Ikollok xhud hawnhekk li jitla' u jibda per ezempju itemtem, u inti tista' tghid, imma dana veru li qed itemtem, veru qed itemtem imma qed jipprova jghid il-verita`. Jista' jkollok xhud iehor per ezempju li jitla' hawnhekk u jibda jirrakkontalek l-affarijiet, per filo e per segno, punto e virgola, u inti tghid - dana qed jipprova jghaddini minn ghajn il-labra. Dina hija kwistjoni taghkom. Araw l-imgieba, il-kondotta u l-karattru ta' dak li jkun. Araw anke mhux il-background tal-fedina penali, imma il-background socjali. Hawn min jitkellem rozz u hawn min jitkellem irpuzat u pulit - ghax ghandu background differenti. Hawn min jitkellem itemtem jew inkella jaqbizlek minn suggett ghall-iehor ghax ma jkunx ordnat f'mohhu. Hawn min ikun ordnat f'mohhu. Nerga' nsemmilkom xi uhud mill-Pulizija li xehdu, per ezempju, li kienu fuq il-post, li jaqbzu minn suggett ghall-iehor. Imbaghad per ezempju l-Assistant Kummissarju Michael Cassar, li certi affarijiet baqa' jiftakarhom b'mod ordnat hafna. Dana qed insemmilkom tnejn li huma relattivament innokwi, biex ma nsemmilkomx lil Joseph Fenech u lill-akkuzat, ghax dika nhalliha f'idejkom, sewwa. Pero` araw ikun hemm min ikollu mohhu jaqbez minn punt ghall-iehor, u min ikun b'mod ordnat hafna, sewwa, kapaci ta' hekk, dika issa x'taccetta jew ma taccettax, sinjuri gurati, issa araw intom. Jista' jkun li min qieghed ordnat, u qieghed jitkellem b'mod ordnat, ecc., ecc., jista' jkun xorta mhux qed jghidilkom il-verita`, imma qed jahbilkom xi haga, jew qed jipprova jghid xi haga jew inaqqas xi haga, jew izid xi haga, dika hija kwistjoni taghkom. Il-ligi tghidlek pero` hu qies, hu in konsiderazzjoni l-imgieba u l-kondotta u l-karattru tax-xhud minn fuq il-pedana tax-xhieda, mhux l-antecedenti penali tieghu, sinjuri gurati. Hawnhekk m'hawnx xi … competition bejn min ghandu fedina penali twila u min ghandu fedina penali mhux twila; ma hemm xejn minn dan kollu. Il-fedina penali, dawk li nsejhulhom l-antecedenti penali, tax-xhieda hu min hu dak ix-xhud, hawnhekk ma jezistux, ma jidhlux; hawnhekk jidhlu biss l-imgieba, il-kondotta, il-karattru tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda, hawnhekk jidhol ukoll il-bwon sens taghkom - kif tapprezzawh ghal diversi ragunijiet, sinjuri gurati. Kellkom *gammut* kbir ta' xhieda stajtu taraw il-mod kif xi uhud jixhdu. Hemm min lanqas biss jaf jixhed bil-Malti, kellu

jixhed bl-Ingliz ukoll .. f'dak il-kaz allura tghid li dak ix-xud per ezempju ma temmnux ghax jixed bl-Ingliz? Le. Hawn nies Malta li veru trabbew ma jafux jitkellmu bil-Malti u trabbew jitkellmu bl-Ingliz; dik huduha in konsiderazzjoni, ara inti x'taccetta jew ma taccettax. Dik hija l-imgieba, il-kondotta u karattru tax-xhud."

Fil-kuntest ta' l-ispjegazzjoni li kienet qed taghti l-ewwel Qorti tas-sinjifikat tal-kliem "imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda", din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dak li qalet dik il-Qorti. Il-kummenti taghha kienu kummenti li kellha kull dritt li taghmilhom u fl-ebda waqt ma uzurpat il-funzjoni tal-gurati li thallew il-hin kollu liberi li jaghmlu l-evalwazzjoni li kellhom jaghmlu tal-provi migjuba. Kwantu ghall-oggezzjoni ta' l-appellant ghall-fatt li ewwel Qorti qalet li l-fedina penali mhijiex xi cirkostanza li tittiehed in konsiderazzjoni a tenur ta' l-artikolu 637 tal-Kap. 9, l-appellant m'ghandux ragun u dak li qalet l-ewwel Qorti kien legalment korrett. Meta l-artikolu 637 jitkellem dwar "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhud", dak l-artikolu qieghed jirreferi, u dejjem hekk gie interpretat, bhala li qieghed jirreferi ghall-"imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhud" fuq il-pedana tax-xhieda.

Dan l-ilment ghalhekk qieghed jigi michud ukoll.

9. L-appellant jirreferi ghal dak li korrettement spjegat l-ewwel Qorti li xhud tista' temmnu f'kollox, f'parti jew xejn. Pero' jghid li ma giex soddisfacentement enfasizzat li skond il-Proklama li kien inghata Joseph Fenech huwa kellu jixhed is-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa. Anzi, jilmenta l-appellant, l-ewwel Qorti ddikjarat hekk: "… tghid certi affarijiet iva nista' noqghod fuqu … pero` fuq affarijiet ohra, jista' jkun imhawwad, tant ikun konfuz …" U bhala "ezempju klassiku" rreferiet ghal xhud li gie deskritt mill-appellant bhala insinifikanti, cioe` P.C. Massa, biex tispjega li xhud jista' jkun qieghed jemmen li qed jghid il-verita` meta fil-fatt ma jkunx, u jkun qieghed jaghmel hekk minhabba li jkun konfuz. Skond l-appellant, huwa ovvju li l-inferenza tal-Qorti hija ghal Joseph Fenech, li bl-ekwiparazzjoni ma' P.C. Massa kienet qed issir inferenza li lil Joseph Fenech tista' ma temmnux ghal min kienet

destinata d-droga izda tista' temmnu li d-droga kienet ta' l-appellant. B'hekk l-argomentazzjoni tad-difiza li min jigdeb u ghadu jahbi lit-traffikant tad-droga probabbilment gideb u ghadu qed jigdeb ta' min kienet id-droga, giet kompletament imfarrka. Hu f'dan il-kuntest li indirizz m'ghandux jikkontjeni *"the stuff of advocacy"*. L-appellant jghid li d-difiza harget certu gideb u inkonsistenzi serji fix-xiehda ta' Joseph Fenech li l-ewwel Qorti ma poggietx a konsiderazzjoni tal-gurati. Ghalhekk il-verdett la jista' jitqies *safe* u lanqas *satisfactory*.

Din il-Qorti ezaminat il-parti rilevanti ta' l-indirizz li jirreferi ghalihom l-appellant u tistqarr bla ezitazzjoni li l-inferenzi li wasal ghalihom l-appellant huma biss gratuwiti u bla bazi ta' xejn. Huwa veru li l-Imhallef li ppresjeda l-guri semma lil P.C. Massa, izda semmih biex jipprova l-punt li kien qieghed jaghmel li KULL xhud - mhux mela unikament Joseph Fenech kif donnu jrid jaghti ad intendere l-appellant - jista' jitwemmen f' kollox, f'parti biss jew f'xejn. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma xejnet xejn mill-argomentazzjonijiet tad-difiza izda halliet f'idejn il-gurati, kif kellha taghmel, li jaghmlu l-valutazzjoni mehtiega. Konsegwentement dan l-ilment huwa michud ukoll.

10. L-appellant jghid li meta l-ewwel Qorti giet biex tikkunsidra n-nozzjoni ta' "interess", hija ghamlet inferenza qawwija illi l-interess li kellu Joseph Fenech kien li jghid is-sewwa u s-sewwa kollu u li jekk ma jaghmilx hekk jitlef il-mahfra u l-proceduri fil-konfront tieghu jitkomplew. L-appellant jghid ukoll illi l-ewwel Qorti spjegat lill-gurati li dawn ma kinux konsiderazzjonijiet li huma kellhom ghalfejn jidhlu fihom. Skond l-appellant, pero`, l-interess li persuna jkollha meta tinghata l-promessa ta' Mahfra Presidenzjali hu interess li tibqa' tghid l-istess diskors li tkun qalet l-ewwel darba li l-Mahfra nghatat lilha ghaliex jekk l-ispjegazzjoni tkun differenti, mhux biss tista' tkun esposta ghal proceduri ta' spergur imma wkoll jistghu jittiehdu jew jitkomplew il-proceduri kontra taghha. B'dan il-mod, jikkonkludi l-appellant, l-imsemmi Joseph Fenech qieghed kull darba jintwera bhala 'l fuq minn kull suspett li mhux qed jghid il-verita`.

Sa certu punt dak li qieghed jghid hawn l-appellant huwa djametrikament oppost ghal dak li qal fil-paragrafu precedenti, cioe` li l-ewwel Qorti ma enfasizzatx soddisfacentement li Fenech kellu jixhed is-sewwa u xejn hlief is-sewwa skond il-Proklama. Jew ma saritx enfasi soddisfacenti jew, kif qed jghid issa, hemm inferenza qawwija dwar l-interess li kellu Joseph Fenech. Fi kwalunkwe kaz, dak li huwa rilevanti hu li l-ewwel Qorti tat lill-gurati d-direttiva li "jekk effettivament xhud tqisu li ghandu interess, itfghu dak l-interess fost ic-cirkostanzi kollha li intom ghandkom tqisu biex taraw x'taccettaw jew ma taccettawx mid-deposizzjoni tieghu"[18]. U meta kienet qed titkellem specifikatament fuq il-proklama fissret li din kienet promessa tal-mahfra, promessa taht certi kondizzjonijiet, fosthom li jghid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa, li allura kien ifisser li Joseph Fenech kellu x-xabla mdendla fuq rasu b'mod li jekk fil-kazijiet li huwa ghandu jixhed fihom huwa ma jghidx is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa hu jista' jerga' jigi suggett ghal proceduri penali. U dan huwa legalment korrett. L-ewwel Qorti mbaghad spjegat ukoll[19]:

"Issa l-fatt li hemm il-proklama sinjuri gurati ma jfissirx li d-deposizzjoni tieghu ghandha xi valur anqas jew izjed minn dik ta' xi xhud li ma ghandux il-proklama, la ghandha valur anqas u lanqas valur izjed. Il-ligi semplicement tghidlek zomm f'mohhok il-fatt li dan qed jixhed bil-proklama, u allura huwa b'xi mod involut fil-kaz ukoll, applika r-regoli li gja` semmejtilkom, kif tivvaluta x-xhieda dwar kif tapprezza il-provi u wara x'taccetta jew ma taccettax mid-deposizzjoni tieghu. Fi kliem iehor ma tistghux tibdew bil-premessa li ghax xhud qed jixhed bil-proklama d-deposizzjoni tieghu hija, halli nuza kelma bl-ingliz … "suspect" - anqas bil-premessa li d-deposizzjoni tieghu ghandkom taccettawha f'kollox u tkun immakkolata, xejn affattu minn dan kollu sinjuri gurati. L-ewwel tridu tezaminaw id-deposizzjoni tieghu a bazi tar-regoli li semmejtilkonm, taraw kif tivvalutaw il-provi, maghduda maghhom naturalment ic-cirkostanza tal-proklama, u mbaghad tiddeciedu x'taccettaw jew ma taccettawx mid-

18 Ara pagna 32 *ibid.*
19 Ara pagni 39 u 40 *ibid.*

deposizzjoni tieghu. Din ir-regola tal-ligi fil-kaz ta' xhud li qed jixhed bil-proklama, sinjuri gurati. Imbaghad araw ukoll fost affarijiet ohra x'inhuwa l-interess, x'inhuwa l-akbar interess ta' xhud li qed jixhed bil-proklama. Huwa li jipprova jghatti lil xi hadd u jirriskja allura li dik il-mahfra, il-promessa tal-mahfra titnehhilu, jew inkella hu li jghid il-verita` forsi bil-mod stramb, konfuz, kif huwa, xhud jista' jixhed, dik arawha intom sinjuri gurati. Jghid il-verita` u allura jgawdi, jibqa' jgawdi minn dik il-proklama. Araw intom x'inhuwa l-interess ta' dak ix-xhud, sinjuri gurati. Din hija kwistjoni mhollija fl-gherf u s-sapjenza taghkom."

L-Imhallef li jippresjedi l-guri huwa intitolat li jaghmel *"a correct statement of the inferences which the jury are entitled to draw from their particular conclusions about the primary facts"*[20]. Issa f'dan il-kaz, minn dak li qalet l-ewwel Qorti tista' tittiehed inferenza li l-interess ta' xhud li qed jixhed taht proklama hu li jghid il-verita` sabiex jevita li jittiehdu jew, fil-kaz ta' Joseph Fenech, jitkomplew proceduri kriminali kontra tieghu - inferenza li kellha kull dritt li taghmel. Izda l-ewwel Qorti ma hallithiex hekk. Hija wissiet lill-gurati li ma setghux iqisu *a priori* xiehda moghtija taht proklama la, minn banda, bhala *"suspect"* u lanqas, mill-banda l-ohra bhala *"immakkolata"*, u li ghalhekk xorta kellhom jaghmlu l-valutazzjoni tax-xiehda ta' Fenech a bazi ta' dawk ir-regoli li kienet diga` spjegatilhom. Konsegwentement dan l-ilment qieghed jigi respint.

11. It-tlettax-il ilment jirrigwarda l-ammissibilita` o meno tax-xiehda tal-Kummissarju tal-Pulizija meta gie riprodott mill-prosekuzzjoni u qal li meta sema' t-*tape-recording* gharaf il-vuci ta' Joseph Fenech u li f'okkazjoni wara kien kellem lill-appellant u seta' issa jghid li t-tieni vuci kienet dik ta' l-appellant. Skond id-difiza din kienet biss opinjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-appellant jghid li filwaqt li l-ewwel Qorti, f'zewg pagni, spjegat dan il-punt ta' opinjoni u mhux opinjoni, naqset li tipprezenta lill-gurati l-argumentazzjoni u prova kardinali li juru li fuq bazi ta' probabbilita` l-Kummissarju ma setax kellu dak it-*tape* fit-

[20] *R. v. Lawrence*, **Archbold**, *op. cit.*, citat f'pagna 10 ta' din is-sentenza.

30 ta' Novembru 1993. B'hekk skond l-appellant, il-gurati kienu qed jibdew jemmnu, bil-mod il-mod, li ghandhom quddiemhom inferenza qawwija li dak li qed jghid il-Kummissarju tal-Pulizija huwa indiskutibbli u hija l-verita`.

Minn ezami tal-pagni rilevanti ta' l-indirizz[21], jirrizulta li dak li ghamlet l-ewwel Qorti kien li spjegat lill-gurati li xhud li mhux espert jista' jigbed inferenza jew konkluzjoni li ma tkunx tirrikjedi xi hila jew sengha specjali u rrimetta lill-gurati din il-kwistjoni ta' jekk tirrikjedix xi hila jew sengha specjali biex tirrikonoxxi vuci fuq *tape*. Hawn l-ewwel Qorti kienet qed tirreferi ghall-argumentazzjoni tad-difiza dwar li dak li qal il-Kummissarju kienet opinjoni biss. Imbaghad l-ewwel Qorti tat din id-direttiva lill-gurati[22]:

"Tridu tisimghu t-tape u taraw jekk iwassalkomx x'imkien, u jekk iwassalkom x'imkien dak it-tape, fejn iwassalkom. Anke jekk intom tghidu li ma taccettawx dak li qal il-Kummissarju li dan it-tape nghata lilu fit-30 ta' Novembru 1993 - araw intom x'raguni valida ghandkom, jekk ghandkom biex tiddubitaw minn dan, din hija kwistjoni taghkom - xorta ghandkom tezaminaw dak it-tape bir-reqqa, ghax dak huwa wkoll prova."

Din il-Qorti taqbel li t-*tape* in kwistjoni kien in effetti jikkostitwixxi prova li s-siwi taghha ma jiddependix minn jekk it-*tape* wasalx f'idejn il-Kummissarju tal-Pulizija f'xi jum partikolari, jew jekk hu kienx gustifikat jew le li jaghraf il-lehen registrat, u kien ghall-gurati biex jiddeciedu x'valur setghu jaghtuh. B'hekk dan l-ilment qieghed jigi michud.

12. L-appellant jilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti naqset milli taghmel l-argomentazzjoni legali tad-difiza dwar l-awtenticita` tat-*tape* in kwistjoni.

F'dan il-kuntest l-ewwel Qorti tat din id-direttiva lill-gurati:

"Jekk dak it-tape huwiex awtentiku jew le, din hija kwistjoni ta' fatt imhollija f'idejkom wara li tkunu smajtu dak it-tape, sinjuri gurati. Dak huwa bhal kwalsiasi

---

21 Ara pagni 40 sa 42 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
22 Ara pagna 43 *ibid.*

dokument iehor li intom tridu tezaminawh ukoll, sewwa, u din hija direttiva ta' ligi, li dak it-tape huwa dokument, tridu tezaminawh, x'valur taghtuh anke fid-dawl tal-fatt li gie mghoddi lill-Kummissarju tal-Pulizija minn informer li baqa' injot - dika ija kwistjoni taghkom imbaghad x'valur. Imma l-ewwel tridu tisimghuh u taraw l-ewwelnett huwiex awtentiku. Jekk huwa awtentiku, jekk tiddeciedu li huwa awtentiku, fejn iwassalkom dak it-tape, ecc. ecc."

Din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kienet korrettissima f'dak li qalet u ghalhekk dan l-ilment qieghed jigi respint.

13. Ilment iehor ta' l-appellant jirrigwarda l-metodologija suggerita mill-ewwel Qorti lill-gurati sabiex jezaminaw it-*tape*. L-appellant jindika li ma kienx inghata pre-avviz lill-partijiet dwar dawn id-*"draft directions"*; kieku dan sar, id-difiza kien ikollha l-opportunita` li turi l-iskorrettezza tal-metodologija msemmija. Dan ghax id-domandi kollha li ghamlet l-ewwel Qorti kienu kollha domandi retorici li jipprezumu li t-*tape* kien wiehed awtentiku u li realment gie rekordjat u moghti lill-Kummissarju tal-Pulizija fit-30 ta' Novembru 1993. Il-metodologija suggerita tat lill-gurati l-veduti tal-Qorti, u ghalkemm dik l-ewwel Qorti spjegat lill-gurati li ma tistax tuzurpa l-funzjoni taghhom, dak li ghamlet l-imsemmija Qorti ghamel l-indirizz fondamentalment zbilancjat.

Din il-Qorti ezaminat il-parti rilevanti ta' l-indirizz. L-ewwel Qorti ghamlitha cara li l-metodologija li kienet qed tissuggerixxi ma kellhiex necessarjament tigi segwita mill-gurati peress illi l-ezami tat-*tape* kien kwistjoni ta' fatt u ghalhekk "intom liberi kompletament li ssegwu procedura ohra". Fil-fehma ta' din il-Qorti mbaghad, il-metodologija proposta mill-ewwel Qorti kienet logika u setghet twassal lill-gurati biex jiddeciedu dwar l-awtenticita` tat-*tape* u mhux ghalhekk, kif isostni l-appellant, li biex issegwi dik il-metodologija trid tipprezumi li t-*tape* huwa awtentiku. Ghalhekk dan l-ilment qieghed jigi respint.

14. Is-sittax-il lment ta' l-appellant jirrigwarda l-mod ta' kif jghid li l-ewwel Qorti gibdet l-attenzjoni tal-gurati ghal certi fatti tal-kaz li hi dehrilha rilevanti. Jghid li mhux bizzejjed li

l-Imhallef li jippresjedi l-guri javza lill-gurati li kwalsiasi kumment tieghu fuq il-fatti ma jorbothomx, jekk imbaghad l-interventi tieghu jkunu eccessivi li jgibu effett mod iehor. Skond l-appellant, l-indirizz itendi sabiex jesprimi veduti favur il-prosekuzzjoni u l-linji difensjonali gew skartati.

Din il-Qorti tirreferi mill-gdid ghall-brani sucitati mix-xoghlijiet ta' **Archbold**, ta' **Blackstone** u ta' **Pattenden**. Inoltre tosserva li meta l-ewwel Qorti ghaddiet biex titkellem dwar il-fatti tal-kaz, hija pprezentat lill-gurati anke l-verzjoni ta' l-akkuzat, ossia l-linja difensjonali tieghu, u ghalhekk, u anke in vista tal-fatt li l-Imhallef li ppresjeda l-guri mill-bidu nett u ripetutament ghamilha cara lill-gurati li huma kienu l-gudikanti tal-fatt, dan l-ilment huwa respint.

(2) L-appellant imbaghad jghaddi biex jelenka punti ta' dritt li l-ewwel Qorti ghamlet fl-indirizz taghha u li, skond hu, jikkostitwixxu interpretazzjoni zbaljata tal-ligi. Dawn ser jigu ezaminati *seriatim*:

a. L-appellant jghid li huwa principju ben risaput li qabel ma xhud jigi mfakkar dwar certi fatti li hu seta' ddepona dwarhom qabel jew li jistghu jirrizultaw minn xi dokument, l-ewwel iridu jsiru d-domandi halli min ikun qed jiggudika mill-fatti ikun jista' jinnota l-veracita` o meno tax-xhieda *viva voce*. Dan l-ilment l-appellant qajmu in konnessjoni max-xiehda ta' Joseph Fenech. Jghid li meta Fenech kien qieghed jixhed, huwa kien qieghed jaghti risposti differenti minn kif kien xehed fl-iStruttorja u beda jzid fatti godda li kienu inkonsistenti. *Ex officio* l-ewwel Qorti saqsiet lill-prosekuzzjoni waqt l-ezami tax-xhud jekk kinitx ser titlob biex jissemma' t-*tape-recording* ta' l-allegati konversazzjonijiet telefonici bejn Fenech u l-appellant. Fuq tali suggeriment, il-prosekuzzjoni talbet li jinstema' t-*tape*. Id-difiza oggezzjonat stante li l-ewwel ix-xhud kellu jipprova jiftakar mill-memorja tieghu. L-ewwel Qorti ma laqghetx tali oggezzjoni u ordnat li jinstema' t-*tape*. Dan irreka dannu u pregudizzju lid-difiza. Fenech beda jkun preciz fuq hafna affarijiet. Skond l-appellant dan tellef mill-vera valutazzjoni u apprezzament tal-prova ta' Joseph Fenech.

Minn dak li din il-Qorti semghet fuq ir-registrazzjoni tat-tapes relattivi[23], jirrizulta li din il-kwistjoni giet trattata quddiem l-ewwel Qorti. Meta mbaghad, wara li giet trattata l-oggezzjoni mqajma mid-difiza, l-ewwel Qorti ghaddiet biex tippermetti li jissemma' t-*tape*, l-istess Qorti tat direttiva lill-prosekutur biex jaghmel mistoqsijiet ulterjuri qabel ma jissemma' t-*tape*, u wara li saru xi mistoqsijiet relatati mal-kontenut tal-konversazzjonijiet fit-*tape* kemm mill-prosekutur kif ukoll mill-Qorti, il-Qorti ordnat li jissemma' l-imsemmi *tape*.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prosekuzzjoni kellha kull dritt li titlob li jissemma' t-*tape* in kwistjoni waqt l-ezami tax-xhud sabiex l-istess xhud ikun jista' jixhed dwar l-identita` tal-vucijiet fuq l-imsemmi *tape*. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-argumenti ta' l-appellant. Wara kollox waqt l-ezami Joseph Fenech kien diga` qal li t-traskrizzjoni tal-konversazzjonijiet telefonici kienu nqrawlu mill-Assistent Kummissarju (allura Spettur) Michael Cassar u li hu kien ikkonfermahom. Inoltre waqt ix-xiehda tieghu, qabel ma ssemma' t-*tape*, diga` kien hemm istanzi fejn il-prosekutur sab li, a tenur ta' dak li jiddisponi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 586[24] tal-Kap. 12 kif rez applikabbli ghall-qrati ta' gustizzja kriminali bl-artikolu 645 tal-Kap. 9, kellu jirreferi ghax-xiehda li Fenech kien ta precedentement. Id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti ghalhekk ma setghet tellfet xejn "mill-vera valutazzjoni u apprezzament tal-prova ta' Joseph Fenech". Hija mxiet, bhalma ghandha s-setgha li taghmel skond dak provdut fl-artikolu 436(3)(b)[25] tal-Kap. 9. Konsegwentement dan l-ilment huwa michud.

b. L-appellant jghid li d-difiza, fl-arringa taghha lill-gurati, ghamlet referenza ghall-artikolu 633(1) tal-Kap. 9 b'referenza ghat-tielet kap ta' l-att ta' akkuza li jghid li kien

---

[23] Tape 38 side B u tape 39 side A.

[24] Din id-disposizzjoni tipprovdi hekk: **"Qabel ma tigi attakkata l-kreddibilita` ta' xhud bi provi li f'okkazjonijiet ohra huwa kien ghamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xiehda tieghu, ghandhom jinghadu lilu dawk id-dikjarazzjonijiet bic-cirkostanzi taz-zmien, tal-lok u tal-persuni prezenti u huwa ghandu jigi mistoqsi jekk kienx ghamel jew le dawk id-dikjarazzjonijiet; u ghandu jigi lilu moghti li jispjegahom."**

[25] **"Imiss ukoll lill-qorti - … (b) li triegi s-smigh tal-kawza …"**

instigat u strah kompletament fuq dak li kien allega Etienne Gatt. Skond dan l-artikolu, jghid l-appellant, ix-xhud ghandu xorta jigi mismugh imma min ghandu jiggudika l-fatti jrid "ikun ghal kollox perswaz u konvint illi x-xiehda hija vera". Meta l-ewwel Qorti ndirizzat lill-gurati qalet li, bhala punt ta' dritt, dan l-artikolu mhuwiex applikabbli ghall-kaz u li trid tinqara fid-dawl ta' diversi disposizzjonijiet ohra li, pero`, ma semmietx liem'huma, u lanqas ma spjegat ghaliex mhuwiex applikabbli. L-appellant isostni li l-imsemmi artikolu huwa applikabbli peress illi Etienne Gatt kien il-promotur ewlieni sabiex setghet titressaq l-akkuza taht it-tielet kap ta' l-att ta' akkuza, u ghalhekk hemm enfasi aktar minn dak li l-Qorti spjegat lill-gurati ("Xhud li ghandu xi interess fil-kawza jew fl-ezitu taghha, id-deposizzjoni tieghu tigi valutata, meqjusa, bl-istess mod kif tigi valutata u meqjusa d-deposizzjoni ta' kull xhud iehor".). Skond l-appellant, l-artikolu msemmi qieghed ikun assertiv hafna meta jghid li min jiggudika jrid ikun "ghal kollox perswaz u konvint" li x-xiehda hija vera.

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 633 tal-Kap. 9 jipprovdi, *inter alia*, hekk:

**"Ebda eccezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud ma tista' tinghata minhabba li hu jkun il-parti li ghamlet id-denunzja, jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdew il-proceduri …."**

Etienne Gatt kien gie interrogat in segwitu ghal informazzjoni li l-Ispettur Michael Cassar kien inghata minn certu Ciro del Negro. Dan Etienne Gatt rrilaxxja stqarrija, xehed quddiem Magistrat Inkwerenti u mbaghad fl-iStruttorja. Etienne Gatt la ghamel denunzja, la kwerela, la rapport u lanqas ma pprezenta rikors li bih inbdew dawn il-proceduri. Etienne Gatt kienet persuna investigata li ddecidiet li taghmel certi stqarrijiet u li hija kkonfermathom bil-gurament. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li l-imsemmi artikolu mhuwiex applikabbli ghall-kaz in dizamina. Konsegwentement ma kellhiex ghalfejn toqghod tispjega liem' huma d-

disposizzjonijiet l-ohra li jridu jigu kkunsidrati flimkien ma' l-artikolu 633(1). Dan l-ilment huwa b'hekk respint ukoll.

c. L-appellant jirreferi ghall-principju tad-dritt tas-silenzju u ghall-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti. Jghid li l-ewwel Qorti indirizzat lill-gurati fis-sens illi, filwaqt illi persuna ghandha d-dritt li tibqa' siekta meta tigi interrogata mill-Pulizija, meta pero`, f'xi okkazjoni wara, hija tkun qieghda tispjega, meta mistoqsija, ghaliex kienet baqghet siekta, ir-raguni li taghti hija cirkostanza li l-gurat ghandhom jiehdu in konsiderazzjoni mac-cirkostanzi l-ohra tal-kaz. Skond l-appellant, din l-interpretazzjoni hija wahda perikoluza ghall-ahhar; meta wiehed ghandu dritt ma jirrispondix ghall-ebda domanda li ssirlu fl-investigazzjoni, dan ifisser illi huwa ghandu dritt assolut u mhux dritt kondizzjonat ghal xi fatt antecedenti jew li jigri wara tali investigazzjoni. Huwa spjega li kellu struzzjonijiet minghand l-avukati tieghu sabiex ma jwiegeb ghall-ebda domanda - kellu dritt ghal tali parir, kellu dritt li jsegwieh, u meta fil-fatt segwieh, mhux permess illi jsiru certi kummenti, kif saru fir-replika tal-prosekuzzjoni. Barra minn hekk, l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ma poggietx quddiem il-gurati c-cirkostanzi u argomentazzjoni moghtija mid-difiza dwar il-perikolu ghalih u ghall-familja tieghu minhabba t-theddid u l-poter ta' Joseph Fenech.

Dwar id-dritt tas-silenzju, din il-Qorti sejra tirreferi ghal dak li qalet din il-Qorti diversament komposta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul** deciz fis-17 ta' Marzu 2005 rigward il-posizzjoni legali, ghall-anqas kif inhi sal-lum:

**"1. meta akkuzat, waqt li jkun qed jigi interrogat mill-pulizija, jaghzel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulu, jew ghal xi mistoqsija wahda jew izjed, ebda inferenza ta' htija ma tista' tingibed mis-semplici fatt ta' dak is-silenzju, u dan ghar-raguni li l-ezercizzju ta' dritt li sal-lum ghadu ma gie b'ebda mod kwalifikat (f'dan il-kaz id-dritt li ma jwegibx, kif normalment ikun gie infurmat proprju bil-ghoti tal-"caution") ma jistax jissarraf fi pregudizzju ghal dak li jkun;**

**2. bl-istess mod, jekk l-akkuzat, fi proceduri fir-rigward ta’ haddiehor, fejn huwa jkun gie prodott bhala xhud, ikun ghazel li ma jwegibx ghal xi mistoqsija, wahda jew aktar, ghax bit-twegiba jqis li jkun jista’ jinkrimina ruhu, hawn ukoll ebda inferenza ta’ htija ma tista’ tingibed mis-semplici fatt ta’ dak is-silenzju;**

**3. jekk pero` f’xi stadju sussegwenti l-akkuzat jistqarr, anke jekk fil-kors tal-guri tieghu meta jiehu l-pedana tax-xhieda, li r-raguni ghala ma kienx wiegeb meta interrogat mill-pulizija kienet mhux semplicement in ezercizzju tad-dritt tieghu li ma jwegibx izda jaghti xi raguni ohra, il-gurati jkunu intitolati jezaminaw din ir-raguni l-ohra u jaraw jekk din hix, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, wahda plawsibbli;**

**4. l-istess jinghad ghal meta f’xi stadju sussegwenti ghall-guri tal-persuna l-ohra l-akkuzat jaghti xi raguni ohra ghala huwa ma kienx wiegeb ghal xi mistoqsija, wahda jew ohra, meta ttella’ bhala xhud fil-konfront ta’ dik il-persuna l-ohra – din ir-raguni “gdida” tista’ tigi ezaminata mill-gurati biex huma jaraw jekk, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, hix raguni plawsibbli;**

**5. s’intendi, jekk akkuzat, waqt il-guri tieghu, jaghti xi spjegazzjoni ghala ma jkunx mar ghand il-pulizija u minn rajh spjegalhom xi cirkostanza importanti li huwa jkun qed jistrieh fuqha in diskolpa tieghu, meta huwa kien jaf, jew ragjonevolment seta’ kien jaf, li l-pulizija riedu “jkellmuh”, il-gurati wkoll ikunu intitolati li jezaminaw dik l-ispjegazzjoni biex jaraw, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jekk hix wahda attendibbli – f’dan il-kaz ma tqum ebda kwistjoni ta’ l-ezercizzju tad-dritt li ma jwegibx mistoqsijiet, ghax fil-fatt huwa anqas ikun inghata l-“caution” u cioe` li “mhux obbligat li jwiegeb ghall-mistoqsijiet li ser isirulu”;**

**6. fl-ahharnett, hemm certi cirkostanzi fejn, anke kif inhi l-posizzjoni llum f’Malta, wiehed jista’ jigbed certi inferenzi ta’ htija mill-fatt li l-akkuzat, rinfaccat**

**b'akkuza <u>minn xi hadd li mhux f'awtorita`</u> (ez. mhux minn ufficjal tal-pulizija waqt interrogatorju) jibqa' sieket u ma jinnegax dik l-akkuza. Din hija s-sitwazzjoni maghrufa fil-ligi Ingliza ta' meta "accused and accuser are on even terms". Jekk ic-cirkostanzi jkunu tali li persuna rinfaccata b'akkuza tkun ragjonevolment mistennija li tirreagixxi ghal dik l-akkuza, izda tibqa' ma tghid xejn, allura wiehed jista' jigbed inferenza ta' htija. Jekk, pero`, "the circumstances are such that a reasonable person would not be expected to counter the allegation", allura tali inferenza m'ghandhiex tingibed. Kif inghad fil-kaz *Mitchell* (1892) 17 Cox CC 503 f'pagna 508 – dictum approvat mill-Privy Council fil-kaz *Parkes v. The Queen* [1976] 1 WLR 1251 – *'Now the whole admissibility of statements of this kind rests upon the consideration that if a charge is made against a person in that person's presence it is reasonable to expect that he or she will immediately deny it, and that the absence of such a denial is some evidence of an admission on the part of the person charged, and of the truth of the charge. Undoubtedly, when persons are speaking on even terms, and a charge is made, and the person charged says nothing, and expresses no indignation, and does nothing to repel the charge, that is some evidence to show that he admits the charge to be true.'*"**

Fil-kaz in dizamina huma applikabbli l-ewwel u t-tielet konsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq. L-appellant ghazel li jixhed fil-guri tieghu, b'mod ghalhekk li espona ruhhu ghall-mistoqsijiet li talvolta setghu jsiru mill-prosekutur, mill-Qorti u mill-gurati. Huwa pprova jaghti spjegazzjoni ghala ma kienx semma qabel li ma kellu x'jaqsam xejn mad-droga in kwistjoni, u mhux semplicement strah fuq il-fatt li kellu dritt li ma jwegibx il-mistoqsijiet li sarulu mill-pulizija. Ghalhekk il-mistoqsijiet li l-ewwel Qorti, fl-indirizz taghha, qalet li l-gurati setghu jaghmlu dwar l-ispjegazzjoni li l-appellant ta ghaliex ma semmiex qabel in-non-involviment tieghu, kienu legittimi.

Punt iehor ancillari li jsemmi l-appellant hu li huwa perikoluz li, ghax akkuzat jixhed fl-istadju li tghidlu l-ligi, jigi argumentat li m'ghandux jitwemmen ghaliex huwa vvintat wara li kellu okkazjoni jisma' x-xhieda tal-prosekuzzjoni.

Meta l-ewwel Qorti kienet qed tispjega d-diversi partijiet ta' l-artikolu 637 tal-Kap. 9, u specifikatament ir-referenza ghac-"cirkostanzi kollha tal-kaz", semmiet dak li l-prosekuzzjoni gabet ghall-attenzjoni tal-gurati l-fatt li meta l-akkuzat jitla' jixhed, dan jaghmlu *in full knowledge* tal-provi li jkunu tressqu. L-ewwel Qorti qalet li din kienet cirkostanza li tavvera ruhha f'kull kaz li fih l-akkuzat jitla' jixhed u kienet wahda mic-cirkostanzi li l-gurati setghu jiehdu in konsiderazzjoni. Kif hekk impostat huwa korrett u ma jikkostitwix cahda ghad-dritt tas-silenzju.

d. L-appellant jirreferi ghall-ispjegazzoni li tat l-ewwel Qorti dwar l-*hearsay*. Jghid li l-pagni 36 u 37 ta' l-indirizz huma pjuttost konfuzjonarji, li l-kliem li qalet Clarissa Cachia meta giet arrestata u t-tliet pagni tad-djarju ta' del Negro huma inammissibbli, u li anke t-*tape recording* u traskrizzjonijiet tieghu ghandhom jitqiesu bhala *hearsay evidence*.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-pagni relevanti tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz jidher li dak li l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal f'pagni 36 u 37 ghandu jitqies fid-dawl ta' dak li kien spjega qabel f'pagni 34, 35 u 35 *bis*, dwar il-*hearsay*. Kwantu ghax-xiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet cara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lill-Pulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta taghha, ma kienx jaghmel prova la kontra u lanqas favur l-akkuzat. Mill-banda l-ohra spjegat korrettement li c-cirkostanza li qalet certu diskors setghet tittiehed bhala cirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal haddiehor. Rigward id-djarju ta' del Negro, l-ewwel Qorti korrettement ghamlet distinzjoni bejn dak li l-Ispettur Michael Cassar xehed li del Negro qallu li kien qallu Etienne Gatt, u d-djarju fih innifsu. Id-djarju jikkostitwixxi prova materjali u fil-kuntest ta' provi ohra ammissibbli, id-djarju u l-kontenut tieghu jista' jkun prova indizjarja. Kwantu ghat-*tape-recording*,

din il-Qorti ma taqbel xejn li dan huwa *hearsay evidence*. *Hearsay evidence* hija xiehda fuq kliem haddiehor. *Tape-recording* hija prova materjali u dak li jrid jigi ppruvat huma l-awtenticita` tieghu u l-identita` tal-vucijiet fuqu. B'hekk dan l-ilment huwa respint.

Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq ghalhekk it-tieni aggravju huwa michud.

**C L-appellant gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza**

L-appellant isostni li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kaz. Fir-rikors ta' appell tieghu jirreferi ghall-fatti fil-qosor hemm elenkati u jissottometti s-segwenti:

Kuntrarjament ghal dak li ppruvat turi l-prosekuzzjoni, huwa ma kienx jghix hajja stravaganti. Kien isiefer spiss minhabba x-xoghol tieghu, minhabba konferenzi tal-P.O.P.E.M. u xi vaganzi. Il-mara tieghu kienet wirtet nofs indiviz ta' proprjeta` immobiljarja u mobiljarja sostanzjali minghand missierha u l-introjtu mill-bejgh tal-proprjeta` kien jammonta ghal eluf ta' liri. Id-dar tieghu ma kinitx tirrispekkja hajja stravaganti; karrozza u ghamara ma kinux ta' lussu. Bicca karta misjuba fl-assenza tieghu fid-dar tieghu kellha fuqha l-isem u indirizz ta' Nelly Queiroz u l-appellant xehed li dan id-dokument ma nkitibx minnu, ma kienx tieghu u qatt ma rah qabel. Jghid li l-awtenticita` tat-*tape recording* hija altru minn dubitata, u jinsisti li ma jistax ikun li l-Kummissarju tal-Pulizija kellu dak id-dokument fit-30 ta' Novembru 1993 u ma jitlax jixhed biex jesebieh fil-proceduri kontra Joseph Fenech. Il-prosekuzzjoni ma gabitx prova xjentifika dwar il-vucijiet li jinstemghu fit-*tape recording*. L-appellant isostni li jekk xi hadd jaf diga` xi jkun gara qabel, jista' jaghmel *sham conversation* ghaliex ir-*recording* seta' gie pprogrammat biex jaghmel *"all sorts of clever tricks"*. Jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, wiehed jghid li hu awtentiku, Joseph Fenech jaqbel ma' dak li xehed l-appellant li fil-lejla tat-30 ta' Novembru 1993 huwa cempel lill-appellant hafna aktar drabi mill-erbgha li hemm fid-Dok. GC; allura ghaliex ma gewx prodotti l-konversazzjonijiet l-ohra ukoll? L-appellant jghid li hu ta

spjegazzjoni kredibbli dwar dawn l-imsemmijin konversazzjonijiet. L-appellant jinsisti ukoll li Joseph Fenech mhux xhud kredibbli. Kwantu ghat-tielet kap ta' l-att ta' akkuza, jghid li l-Pulizija kienu qalu lil Etienne Gatt illi jekk hu ma jirribattix bi stqarrija u bil-gurament l-allegazzjonijiet li kienu saru minn Ciro del Negro li huwa kien involut fid-droga, setghu jittiehdu passi kontra tieghu. Ghalhekk, skond l-appellant, wiehed seta' jara f'liema stat kien l-istess Etienne Gatt meta rrilaxxa l-istqarrija li wara hu kkonferma bil-gurament. L-appellant cahad bil-gurament kwalsiasi involviment jew verita` fil-fatti allegati minn Etienne Gatt li kienu gew traffikati sitt kilo droga. Raymond Debono wkoll cahad tali allegazzjoni jew involviment. Id-difiza gabet ukoll bhala prova c-cokon ta' l-ufficcju fejn allegatament kien isir dan il-ftehim u li turi li mhux verosimili dak li qal Etienne Gatt. Ghalhekk il-gurati ma setghux legittimament u ragonevolment jaslu ghall-konvinciment morali biex temmen lil Etienne Gatt u tiskarta x-xiehda tad-difiza.

Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, kif ukoll semghet ir-registrazzjoni tax-xiehda ta' Joseph Fenech u ta' l-akkuzat (liema xiehda ma gietx traskritta) u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legittimament u ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-att ta' akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li

kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament u ragonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[26].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act**

---

[26] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw lil liema mill-verzjonijiet setghu jaghtu affidament, cioe` l-verzjoni li l-appellant ta waqt il-

guri jew inkella dik ta' Joseph Fenech, f'kull kaz naturalment fid-dawl tal-provi kollha attinenti. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament lill-verzjoni ta' l-akkuzat.

Din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda, l-istqarrijiet ta' l-appellant u d-dokumenti l-ohra esibiti, semghet ir-registrazzjoni tat-tapes tax-xiehda ta' l-appellant u ta' Joseph Fenech, u hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

1. Il-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara access mizmum fuq il-postijiet kollha rilevanti ghal dan il-kaz, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess u ta' Joseph Fenech, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, ikkonkludew li l-appellant huwa hati tal-kapi kollha ta' l-att ta' akkuza kif dedotti kontra tieghu.

2. L-appellant xehed u gie mistoqsi dettaljatament, kwazi kwazi minuzjosament, dwar ix-xoghol li kien jisvolgi, dwar il-hidma tieghu fil-volontarjat, u dwar is-safar u l-infiq tieghu. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm ghalfejn tikkummenta fuq dawn il-fatturi l-istess bhalma ma jidhrilhiex li hemm il-htiega li tikkummenta dwar kemm-il darba seta' l-appellant xtara u biegh antikitajiet. Hija sejra tillimita ruhha ghal konsiderazzjonijiet dwar id-diversi kapi ta' l-att ta' akkuza.

3. L-ewwel, it-tieni u r-raba' kapi ta' l-att ta' akkuza jirrigwardaw ammont ta' droga kokaina li nstabet fl-1 ta' Dicembru 1993 mill-Pulizija f'karrozza misjuqa minn

Joseph Fenech u li mieghu passiggier kien hemm Clarissa Cachia, oht l-appellant. Id-droga kienet go pakkett imgezwer f'baskett tal-plastik u li kien jinsab fil-*handbag* ta' l-imsemmija Cachia. Il-Pulizija kienu agixxew fuq informazzjoni li kien ircieva l-Kummissarju tal-Pulizija.

4. Il-Kummissarju tal-Pulizija xehed li fit-30 ta' Novembru 1993 tard bil-lejl kien ircieva *tape* minghand *informer* u li fih kien hemm konversazzjonijiet bejn zewg persuni li wiehed minnhom kien identifika bhala Joseph Fenech ghax gharfu minn lehnu filwaqt li l-vuci l-ohra ddeduca li kienet ta' l-appellant stante li Fenech irrefera ghalih diversi drabi bl-isem "Meini". Wahda minn dawn il-konversazzjonijiet kienet tindika l-post fejn kellu jsir l-inkontru, u cioe` hdejn il-Café Roma, Ghar-id-Dud. Effettivament il-Pulizija ghamlu osservazzjoni, raw lil Joseph Fenech jasal fuq il-post u, wara ftit tal-hin, lill-imsemmija Clarissa Cachia tiltaqa' mieghu u tirkeb fil-karrozza. Gew segwiti u sussegwentement mwaqqfa San Giljan.

5. P.S. 1052 Paul Scerri u W.P.C. 60 Mary Grace Bianco xehdu li Clarissa Cachia waqt l-istqarrija li ghamlet id-Depot qalet li l-pakkett kien tahulha huha (l-appellant) il-gurnata ta' qabel fid-dar tal-genituri taghhom u taha n-numru tat-telecel ta' Fenech sabiex tikkuntattja dak in-numru u jirrangaw l-inkontru. L-Assistent Kummissarju Michael Cassar jikkonferma li fuq l-*appointments diary* ta' Clarissa Cachia kien hemm in-numru tal-mobile ta' Joseph Fenech u li l-istess Cachia qaltlu li n-numru kien tahulha huha.

6. Mix-xiehda ta' l-appellant jirrizulta li huwa ammetta li l-pakkett in kwistjoni kien ghaddieh lil ohtu, b'dan li skond hu l-istess pakkett thalla fil-karrozza tieghu l-gurnata ta' qabel minn Joseph Fenech wara li dan kien ircevieh minghand wiehed Taljan bhala rigal ghall-mara tieghu (ta' Fenech). Skond l-appellant, billi kien qieghed jaghmel xi transazzjoni dwar skambju ta' dinari, u billi tali transazzjoni kellha tigi konkluza l-ghada meta kellu jkun imsiefer, kien talab lil ohtu sabiex tikkonsenja l-pakkett imsemmi lil Fenech meta tiltaqa' mieghu.

7. Skond Joseph Fenech, it-transazzjoni li kellha ssir ma' l-appellant kienet dwar kokaina u huwa kien l-intermedjarju - l-appellant kellu jipprovdi d-droga u Fenech jakkwista l-flus minghand il-persuna li ghaliha kienet destinata d-droga.

8. Id-difiza ppruvat tixhet dubbju fuq kemm seta' l-Kummissarju tal-Pulizija rcieva t-*tape* fit-30 ta' Novembru 1993. Il-Kummissarju tal-Pulizija kkonferma bil-gurament li t-*tape* msemmi kien ghaddihulu *informer* dakinhar tard filghaxija. Effettivament dak li ddeduca l-Kummissarju tal-Pulizija mill-kontenut tat-*tape* kien korrett.

9. Joseph Fenech ikkonferma li l-vucijet fuq it-tape huma tieghu u ta' l-appellant. L-appellant stess, ghalkemm ma jasalx biex jghid li t-tieni vuci fuq it-*tape* HIJA tieghu, jghid: "Is-sustanza tal-konversazzjonijiet fit-*tape* li smajna hawn hekk jigifieri fl-erbgha, minghalija erbgha kienu, hija l-istess bhal parti mill-konversazzjonijiet telefonici li kelli jiena ma' Joseph Fenech f'dawk il-granet u ma nistax la nikkonferma u lanqas nichad il-kontenut tat-tapes. Biss is-sustanza hija l-istess minn parti ta' serje ta' telefonati ohra wkoll li ma nstemghux. Is-sustanza hija l-istess. Il-vuci tixbah tieghi u s'hemm nista' nghid…. Il-vuci tieghi qed nghidlek tixbah hafna l-vuci t'hemm hekk…. M'hemmx xi haga *diametrically opposite* ghal dak li konna qed nitkellmu fuqu ghal dawk il-hmistax-il gurnata."

10. Din il-Qorti semghet it-tape msemmi kif ukoll ix-xiehda registrata ta' l-appellant u, in vista ta' dan u in vista ta' dak li ntqal fiz-zewg paragrafi precedenti, tghid li l-gurati setghu ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament fuq l-imsemmi tape hemm il-vuci ta' l-appellant, apparti dik ta' Joseph Fenech. Nonostante li l-appellant jghid li llum bil-*computer* tista' taghmel kollox, ma ngabet l-ebda evidenza ta' xi manipulazzjoni elettronika.

11. Il-konversazzjonijiet fuq it-*tape* kienu jirreferu ghall-bejgh ta' karrozza Mercedes. L-appellant xehed li kienet ideja ta' Joseph Fenech li jitkellmu dwar karrozza meta

jikkonversaw telefonikament. Huwa pprova jaghti spjegazzjoni ta' diversi partijiet ta' dawn il-konversazzjonijiet sabiex jipperswadi li d-diskors kien jirreferi ghal negozju ta' dinari.

12. Huwa ben maghruf illi meta jkun hemm konversazzjonijiet telefonici jew minn fuq *mobile phones* huwa ferm insolitu li ssir referenza ghal droga, u *deals* jigu tranzatti bl-uzu ta' referenza ghal oggetti ohra. Issa, fir-rigward tal-konversazzjonijiet in kwistjoni m'hemm l-ebda dubju li dak li kellu jigi negozjat ma kinitx karrozza Mercedes - dan jammettuh kemm l-appellant kif ukoll Joseph Fenech u inoltre mir-relazzjoni tal-perit legali l-Avvukat Dottoressa Donatella Frendo Dimech, li giet nominata mill-Qorti Struttorja sabiex taghmel ricerki tal-assi kollha li jirrizultaw f'isem l-appellant, ma jirrizultax li l-appellant kellu Mercedes. Fil-fehma ta' din il-Qorti, minn konsiderazzjoni tal-kontenut tal-konversazzjonijiet in kwistjoni, il-gurati setghu ragjonevolment iqisu li huwa aktar verosimili li d-diskors kien jirrigwarda *deal* ta' droga milli *deal* ta' dinari.

13. Hekk, per ezempju, wahda mill-kondizzjonijiet li ssemmiet minn Joseph Fenech ghan-negozju in kwistjoni kienet li [l-akkwirenti] qalulu "basta nippruvawha, tajba". Jidher aktar verosimili li tigi ppruvata droga mill-akkwirent sabiex jivverifika tkunx tal-kwalita` miftehma milli sabiex jivverifika jekk "dinari" kinux tad-denominazzjoni mixtieqa (droga tippruvaha dinar ma tippruvahx!). F'konversazzjoni ohra Joseph Fenech isaqsi jekk il-karrozza hijiex zgur tal-eighty-six. Joseph Fenech xehed li din kienet referenza ghall-purita` tad-droga. L-appellant isostni li dik il-figura tirreferi ghal rata ta' kambju ta' dinar mad-dollaru Amerikan (1 dinar = 86c). Din il-Qorti pero` tirreferi ghar-relazzjoni ta' Dr. Anthony Abela Medici mnejn jirrizulta li l-purita` tal-kokaina li nstabet kienet 84% (cioe` kwazi 86%).

14. L-appellant, kif diga` osservat, sostna li l-pakkett li ghadda lil ohtu kien allegatament rigal li Joseph Fenech qallu li kien inghata ghall-mara tieghu, u dan fit-30 ta' Novembru 1993 stess, u hallieh fil-karrozza ta' l-appellant

- dan kien qabel il-hin ta' l-ikel. L-appellant jghid li bil-lejl ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs tfacca Joseph Fenech id-dar tieghu fis-sakra u talbu l-pakkett li sadattant l-appellant kien ghadda lil ohtu sabiex ittieh lil Fenech meta jiltaqghu l-ghada. Din il-Qorti tistaqsi jekk hux verosimili li persuna li ghandha mal-kilo droga thalliha warajha f'karrozza u ma tmurx ghaliha hlief wara diversi sighat; li f'telefonata jsemmieh lill-appellant minghajr izda ma juri l-ebda interess partikolari. Din il-Qorti tistaqsi wkoll jekk jistax jitqies verosimili li l-appellant ma jghidx lil ohtu, bhalma xehed, li l-pakkett li ghaddielha kien allegatament rigal ghal mart Fenech li l-istess Fenech kien halla fil-karrozza ta' l-appellant. Meta Fenech u oht l-appellant twaqqfu mill-Pulizija, il-pakkett bid-droga kien ghadu fil-baskett ta' Cachia. Jekk il-pakkett kien jikkontjeni xi haga innokwa (l-allegat rigal), ma kienx ikun aktar verosimili li meta Clarissa Cachia ltaqghet ma' Fenech kienet tghaddihulu mill-ewwel? Jirrizulta wkoll mix-xiehda ta' l-Assistent Kummissarju Michael Cassar, l-ex-Spettur Mario Bartolo u P.S. 1052 Paul Scerri u W.P.C. 60 Mary Grace Bianco li Clarissa Cachia qalet li l-pakkett kien fih flus (*foreign currency*).

15. It-tielet kap huwa msejjes principalment fuq dak li qal Etienne Gatt. Mix-xiehda ta' l-Assistent Kummissarju Michael Cassar jirrizulta illi in segwitu ghal informazzjoni li ha minghand certu Ciro del Negro, huwa interroga lill-imsemmi Etienne Gatt li ghamel stqarrija fis-6 ta' Dicembru 1995. Mill-istqarrija jirrizulta li meta ghall-ewwel gie mistoqsi jekk kienx jaf bid-diskussjonijiet li kienu jsiru fl-ufficcju ta' missieru bejn l-appellant, Charles Muscat ("il-Pips") u Emanuel Camilleri ("il-Bully") dwar finanzjar, traffikar u importazzjoni ta' droga f'Malta, huwa cahad li kien jaf. Wara li sar konfront ma' Ciro del Negro u gie muri l-pagni tad-djarju ta' del Negro tal-5, tas-6 u tas-7 ta' Ottubru 1993, l-istess Etienne Gatt qal li c-cifri u numri li jissemmew jirreferu ghal *deals* ta' droga li saru mill-imsemmijin tliet persuni ghalkemm ma kienx jaf fuq id-*deals* kollha li jissemmew f'dawk il-pagni. Spjega li fuq id-*deal* fejn hemm imnizzel Calleja (vlegga), Francia Brazil Malta Italia Tunisia 80 K, l-80K kienu 80 kilo kokaina li l-appellant kellu l-hsieb li jgib minn pajjiz fis-South America,

jghaddihom minn Malta ghal pajjiz iehor izda sa fejn kien jaf hu din id-*deal* ma saritx. Semma wkoll kaz fl-1993 fejn Ray Debono laqqa' lill-appellant ma' Charles Muscat u Muscat qal li ried jixtri xi kokaina u l-appellant qallu li seta' jgiblu izda mhux kilo jew tnejn ghax mhux *worth it* izda 6 kilo. Il-ftehim kien illi l-appellant igiblu 6 kilo kokaina, izda Muscat ma setax jixtrihom f'daqqa u kien lest jixtrihom kilo kilo. L-appellant accetta u l-prezz kien ta' Lm14,000 jew Lm15,000 il-kilo. Qal li kien jaf li nxtraw erba' kilo wiehed wara l-iehor, dwar il-hames kilo kellu jithallas b'cekk barrani li pero` sar *stop-payment* fuqu u ftit wara Muscat kien inqabad fuq droga flimkien ma' persuni ohra. Rigward is-sitt kilo ma jafx x'gara.

16. Etienne Gatt ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dott. Saviour Demicoli u ghamel xi osservazzjonijiet, fosthom li hu qatt ma ra droga jew flus ghaddejjin, li diskors bejn l-appellant u Charles Muscat dwar pjanijiet ta' transazzjonijiet ta' droga bejniethom sema', li dwar l-i*stop-payment* jafu ghax kien qallu Ray Debono.

17. Etienne Gatt xehed imbaghad fl-Istruttorja u kkonferma li f'okkazjoni wahda kien sema' lill-appellant jghid lil Charles Muscat li gietu idea li jixtri xi tmenin kilo kokaina u jghaddihom ghal postijiet ohrajn barra minn Malta, u liema droga kellha tiddahhal bil-bahar. Ikkonferma wkoll li kien sema' lill-appellant u lil Charles Muscat jitkellmu fuq ammont ta' hames jew sitt kilo kokaina li kellha tinbiegh mill-appellant lil Muscat kilo, kilo bil-prezz ta' bejn erbatax u hmistax-il elf lira l-kilo.

18. L-appellant cahad dak li qal Etienne Gatt izda, fuq mistoqsijiet tal-prosekuzzjoni, qal li qatt ma kellu xi jghid mieghu u ma jistax jifhem ghaliex ghamel l-allegazzjonijiet imsemmija.

19. Gie esebit id-djarju ta' Ciro del Negro li, sa certu punt jikkorrobora dak li xehed Etienne Gatt, per ezempju dwar it-80 kilo kokaina u dwar min kien ikun hemm fl-ufficcju tal-Mosta.

20. Minn dan kollu huwa evidenti li s-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu ma jemmnux il-verzjoni li l-appellant ta waqt il-guri ghax hemm cirkostanzi u provi ohra li huma kapaci li jitwemmnu u li l-gurati kienu perfettament intitolati li jemmnu.

21. Ghalhekk is-sitwazzjoni ma kkristallizzatx ruhha b'mod illi fuq bazi ta' probabbilita` il-gurati kellhom ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li kien jissussisti d-dubju ragjonevoli fit-tezi tal-prosekuzzjoni. Dana partikolarment ghaliex m'hemm xejn x'jindika li l-gurati ma setghux ragjonevolment hlief jaslu biex jemmnu dak li xehed l-appellant waqt il-guri.

Konsegwentement it-tielet aggravju huwa michud ukoll.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' April 2001 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja** fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------